# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ħamis, 27 ta' April 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 32/2016 BS**

**Ludovik Curmi; Francis Curmi; Joseph Curmi; Carmela Camilleri; Theresa Spiteri; Margaret Vella; Saviour Curmi; Carmelo Curmi; Emanuel Curmi; Carmen Camilleri; Sylvana Grima; Rita Hili u George Curmi**

**-vs-**

**George Cardona u martu Annunziata sive Nancy Cardona; Maria Mercieca u Indrija Mercieca bħala mandatarju tal-imsiefra Margaret Tinkler; Francis sive Frank Cardona; Louis Cardona; Martin Cardona; Michael Cardona; Rita Pisani; Joseph Cardona f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefra Carmen Debrincat; Anthony Curmi; Michael Curmi; Joseph Curmi f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ħutu l-imsifrin Elizabeth Curmi u Margaret Muscat u b'digriet**

**tal-11 ta' Jannar 2018 ġew kjamati fil-kawża l-ispiżjar Alan Buttiġieg u martu Maria Buttiġieg**

SENTENZA PARZJALI

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

ILLI b'kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2010, fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani (esibit u [m]markat 'A'), il-partijiet kienu qasmu bejniethom diversi beni mmobbli li oriġinarjament kienu jappartjenu lil Maria Buttiġieg, Michelina Buttiġieg, xebbiet u Carmela mart Joseph Curmi, aħwa Buttiġieg li mietu rispettivament fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju 1968, fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 1977, u fis-sebgħa (7) ta' Novembru 1953;

ILLI minn fost il-beni komuni l-partijiet żammew indiviżament bejniethom is-segwenti proprjetajiet:

i. id-dar numri tletin u wieħed u tletin (30/31), Triq il-Kbira, [Ta'] Sannat, Għawdex, deskritta aħjar fil-paragrafu (a) tal-preċitat kuntratt;

ii. id-dar numru tnejn u tletin (32), Triq il-Kbira, [Ta'] Sannat, Għawdex, deskritta aħjar fil-paragrafu (b) tal-preċitat kuntratt;

iii. porzjon art magħrufa 'Ta' Minku' fi Triq Gerxija, [Ta'] Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mitejn u għoxrin metri kwadri (220 m.k.), u tmiss minn

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 7, b'dokumenti annessi a fol. 8 sa 67.

nofsinhar mat-triq, punent ma' beni ta' Filomena Richards, u minn irjieħ oħra ma' beni ta' terzi injoti, deskritta aħjar fil-paragrafu (d) tal-preċitat kuntratt;

iv. porzjon art magħrufa 'Ta' Dun Luqa VI', limiti [Ta' ] Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka seba' mija u tmienja u sittin metri kwadri (768 m.k.), u tmiss minn nofsinhar ma' Triq Dun Luqa, u mill-irjieħ oħra ma' beni ta' terzi injoti, deskritta aħjar fil-paragrafu (n) tal-preċitat kuntratt;

v. porzjon art magħrufa 'Ta' Skerla' fi Triq Skerla (illum Triq Palazzo Palina), [Ta'] Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirca mija u wieħed u sittin metri kwadri (161 m.k.), u tmiss mill-punent u nofsinhar ma' Triq Skerla u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' terzi injoti, deskritta aħjar fil-paragrafu (o) tal-preċitat kuntratt;

vi. porzjon art magħrufa 'Ta' Triq Skerla', [Ta'] Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka elf erbgħa [sic] mija u sebgħin metri kwadri (1,470m.k), u tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Francesco Grima, lvant ma' beni ta' Joseph Gauci, u nofsinhar ma' beni ta' Adeodato Muscat, jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, jew irjieħ aktar korretti, deskritta aħjar fil-paragrafu (q) tal-precitat kuntratt;

ILLI dwar dawn il-beni l-partijiet kienu ftiehemu [sic] li dawn għandhom jiġu offruti għall-bejgħ bi prezz li jiġi miftiehem bejniethom li jiġi rivedut kull sena. F'każ li l-partijiet ma jilħqux ftehim dwar tali prezz, allura d-deċiżjoni relattiva għandha tittieħed mill-Perit Emanuel Vella, u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali. Il-partijiet kienu

ntrabtu wkoll li jersqu għall-kuntratt tal-bejgħ a bażi tal-istima li jagħmel il-perit;

ILLI minbarra l-biċċiet ta' proprjetà fuq imsemmija għad hemm in komun bejn il-partijiet żewġ biċċiet raba' oħra provvenjenti mill-istess wirt li ma ssemmewx u ma kienux [sic] ġew inklużi fil-kuntratt preċitat, li huma:

(i) Porzjon art magħrufa 'Ta' Dun Luqa', fil-limiti ta' Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka sitt mija u żewġ metri kwadri (602m.k), u konfinanti mit-tramuntana u mill-lvant [sic] ma' beni ta' Ganni Curmi, u minn nofsinhar ma' beni tal-aħwa Curmi, jew irjieħ verjuri kif murija aħjar fuq il-pjanta markata 'B';

(ii) Porzjon art magħrufa 'Ta' Dun Luqa', fi Triq Dun Luqa, [Ta'] Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mitejn u erba' u għoxrin metri kwadri (224 m.k.) u konfinanti mit-tramuntana mal-imsemmija triq, nofsinhar ma' beni tal-aħwa Curmi, u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' terzi injoti, jew irjieħ verjuri kif murija aħjar fuq il-pjanta [m]markata 'B';

ILLI minkejja li l-atturi ppruvaw jaslu bonarjament mal-konvenuti fi ftehim diversi drabi u b'diversi modi sa mis-sena elfejn u għaxra (2010) dwar il-prezz tal-bejgħ ta' dawn l-immobbli u dwar il-bejgħ tal-istess immobbli, ma kienx hemm koperazzjoni u minkejja diversi tentativi mal-konvenuti sabiex issir valutazzjoni tal-porprjetà din baqgħet ma saritx;

ILLI l-atturi sa kienu talbu lill-Perit Emanuel Vella jlaqqa' lill-partijiet kollha biex jiġi mwettaq bejniethom dak li kienu ftiehemu [sic] fuq il-kuntratt, liema laqgħa saret fis-6 ta' Ġunju 2014, fl-uffiċċju tal-istess perit għal liema laqgħa

l-partijiet kollha kienu ġew debitament innotifikati b'ittra li kienet ġiet mibgħuta lilhom b'posta reġistrata (esibita u [m]markata 'C'), iżda però l-partijiet baqgħu m'attendewx kollha għal din il-laqgħa u minn fost il-konvenuti li attendew ma wrewx ir-rieda li jaslu skont it-termini ta' dak li kien ġie miftiehem minn kullħadd [sic] fuq il-kuntratt u kien hemm min fosthom li spiċċa jargumenta u jiġġieled mal-atturi tant li l-laqgħa kellha tiġi fi tmiemha [sic] ħin bla waqt biex ma jeskalawx inċidenti serji bejn il-partijiet li kienu ipprovokati [sic] minn uħud mill-partijiet in partikolari l-konvenuti George Cardona u ħuh Martin Cardona;

ILLI d-djar ta' Triq il-Kbira, [Ta'] Sannat, fuq imsemmija jinsabu kkapparrati mill-konvenuti George u Annunziata konjuġi Cardona u fihom qed irabbu flimkien ma' binhom James Cardona kwantità ta' annimali u tjur u l-mod kif qed iżommu dawn id-djar qed tiġri ħafna ħsara fihom b'detriment u preġudizzju serju għad-drittijiet tal-proprjetarji l-oħra. Il-konvenuti George u Annunziata Cardona qegħdin jinqdew b'dawn id-djar kontra l-interessi tal-partijiet l-oħra. Inoltre l-istess konvenut konjuġi Cardona lanqas m'huma qegħdin iħallu lill-partijiet l-oħra jinqdew b'dawn il-ħwejjeġ komuni skont il-jeddijiet tagħhom billi huma flimkien ma' binhom James Cardona ħadu pussess esklussiv ta' dawn id-djar;

ILLI minkejja wkoll li l-atturi sa kienu bagħtu diversi ittri lill-Perit Vella b'kopja tagħhom kienet tinbagħat kull darba lill-konvenuti George u Annunziata konjuġi Cardona b'posta reġistrata (esibiti flimkien mad-dokument 'C'), u talbuhom sabiex iħallu lill-perit jaċċedi fl-imsemmija djar, dawn il-konvenuti qatt m'aċċettaw jew ħallew lill-perit jidħol jara d-djar minn ġewwa u jagħmel rapport dwar il-

kundizzjoni strutturali ta' dawn iż-żewġt idjar u jagħti stima tagħhom, bil-konsegwenza li l-perit baqa' ma ngħatax aċċess sal[-]lum mill-imsemmija konvenuti konjuġi Cardona u b'hekk il-perit ma setgħax [sic] jagħmel stima tagħhom skont kif kien ġie miftiehem bejn il-partijiet kollha fuq il-kuntratt, liema djar il-konvenuti George u Annunziata Cardona ħadu pussess tagħhom f'idejhom u sakkru l-bieb ta' barra b'katnazz u poġġew klieb perikolużi wara l-bieb biex min jazzarda jidħol ġewwa jiġi attakkat minn dawn il-klieb;

ILLI l-esponenti jidrhilom [sic] li dan il-pussess da parti tal-konvenuti George u Annunziata konjuġi Cardona ma' binhom James Cardona qiegħed jiġi eżerċitat a skapitu u bi preġudizzju tad-drittijiet tagħhom bħala komproprjetarji, u sakemm issir id-diviżjoni jew [i]l-proprjetà tinbiegħ kif miftiehem l-esponenti jridu li l-proprjetà kollha li għad fadal biex tiġi maqsuma jew tinbiegħ għandha titpoġġa fil-pussess ta' sekwestratarju ġudizzjarju li jkun jista' jamministra fl-aħjar interess komuni tal-partijiet kollha l-proprjetà in diviżjoni, u d-djar jiġu sbarazzati mill-annimali u tjur kollha u minn kull haga jew oggett li l-istess konvenuti konjuġi Cardona għandhom jew poġġew fihom;

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. Fl-ewwel lok, b'applikazzjoni tal-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, taħtar amministratur ġudizzjarju sabiex jieħu l-pussess tal-immobbli hawn fuq imsemmija u jamministra l-istess beni fl-aħjar interess komuni tal-koproprjetarji kollha u biex gawduta minnhom aħjar;

2. Taħtar lill-Perit Emanuel Vella sabiex jagħmel valutazzjoni tal-proprjetà in diviżjoni fuq imsemmija u sabiex jagħmel *condition report* dwar l-istat attwali tad-

djar ta' Triq il-Kbira, [Ta'] Sannat u l-ħsara li hemm u li tħalliet issir fl-imsemmija djar minn meta l-konvenuti George u Annunziata konjuġi Cardona ħadu pussess esklussiv tagħhom. Fin- nuqqas li l-Perit Emanuel Vella jaċċetta li jidħol għal dan l-inkarigu tissosstitwixxi lill-istess perit ma' perit ieħor billi tinnomina perit l-istess Qorti;

3. Tordna lill-perit jagħmel stima tad-danni li ġew ikkagunati fil-djar ta' Triq il-Kbira, [Ta'] Sannat;

4. Tikkundanna lill-konvenuti George u Annunziata konjuġi Cardona jagħmlu tajjeb għal dawn id-danni li kkaġunaw traskuraġi tagħhom jew li ħallew jikbru minħabba t-traskuraġni tagħhom;

5. Tiffissa dawk il-modalitajiet li taħthom il-proprjetà għandha tinbiegħ u tiffissa terminu perentorju li fih din il-proprjetà għandha tinbiegħkollha, u fin-nuqqas li din tibqa' ma' tinbiegħx mill-partijiet sa żmien li jiġi ffissat minn din il-Qorti stante li mhix komodament divisibli [sic], tawtorizza lill-partijiet jipproċedu għall-bejgħ tagħhom jew ta' dak li jkun għad fadal bil-liċitazzjoni bl-intervent tal-oblaturi estranei.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti [i]nklużi dawk tal-ittri tat-28 ta' Mejju 2014, 9 ta' Lulju 2014, 3 ta' Frar 2015, u 9 ta' Marzu 2015.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha[2] illi eċċepew:**

1. ILLI qabel xejn irid jiġi pruvat illi l-atturi kollha taw il-kunsens tagħhom sabiex din il-kawża tiġi promossa f'isimhom. Dan peress illi l-esponenti jafu illi wħud mill-konvenuti[3] speċifikament Emanuel Curmi, Carmen Camilleri, Sylvana Grima, Rita Hili u George Curmi ma tawx il-kunsens tagħhom sabiex ikunu atturi f'din il-kawża;

2. ILLI preliminarjament teżisti n-nullità tar-rikors ġuramentat stante illi din tikkontjenti talbiet diversi li ma humiex rikonċiljabbli ma xulxin fosthom (1) talba għal esekuzzjoni ta' kuntratt (2) diviżjoni per konsegwenza ta' liema qed tintalab l-liċitazzjoni (3) likwidazzjoni u ħlas ta' danni (4) talba għal amministratur ġudizzjarju;

3. ILLI qabel din il-kawża tissokta oltre irid [sic] jiġi pruvat illi d-denunz[j]i tas-suċċessjoni tal-persuni li l-ereditajiet tagħhom huma [i]nvoluti f'din il-kawża saru u dan kif jesiġi tassattivament l-artikolu 63 (1) tal-Kap 364;

4. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost bejn il-partijiet hemm il-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2010 li huwa l-liġi applikabbli bejn il-partijiet u tali kuntratt (sakemm mhux illegali) jipprevali fuq id-disposizzjonijiet [sic] ordinarji tal-liġi;

5. ILLI għalhekk ma huwiex il-każ illi l-immobbli msemmija fil-kuntratt jiġu liċitati kif mitlub fil-ħames talba;

6. ILLI similment l-anqas huwa il-każ [sic] li jinħatar amministratur ġudizzjarju kif mitlub fl-ewwel talba ġaladarba l-kontraenti ma ħasbux għal dan fil-ftehim ta' bejniethom;

7. ILLI in oltre mingħajr preġudizzju għal l-eċċezzjoni [sic] ta' qabel din ma hemmx lok għal l-amministratur [sic] ġudizzjarju stente [sic] illi l-istess użu li kien isir min[n] dejjem saħansitra fid-data tal-kuntratt preċitat għadu jsir illum. U t-talba għal l-amminstratur [sic] ġudizzjarju ma hija xejn għajr talba b'motivi vessatorji ta' l-attur [sic] Ludovik Curmi waħdu;

8. ILLI l-esponenti ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li l-perit Emanuel Vella jidħol jagħmel l-istimi tiegħu kif maqbul fil-kuntratt. La qed jopponu issa u l-anqas opponew fil-passat. Min[n] naħa l-oħra huma jopponu għal *condition report* li qed jitolbu l-atturi stante illi la huwa neċessarju u l-aqnas [sic] hu prevvist fil-kuntratt, u dan l-atturi qed jitolbuh biss biex jippruvaw jagħtu ħtija lil[l-]konvenuti jew uħud minnhom għal xi ħsarat li arrekaw li jew huma tort ta' terzi jew tort taż-żmien;

9. ILLI kuntrarjament għal dak allegat George u Annunzjata konjuġi Cardona ma għamlu l-ebda ħsara kif allegat u ma għandhom iħallsu l-ebda danni;

10. ILLI jekk arrekaw xi ħsarat minħabba ż-żmien jew minħabba l-azzjoni ta' terzi kien id-dmir ta' kull ko-eredi li jirranġa l-istess u mhux id-dmir ta' xi werriet wieħed partikolari;

[2] Risposta Ġur. a fol. 101 sa 103.
[3] Il-Qorti tifhem li dan huwa żball tal-pinna b'din il-kelma għandha taqra «atturi».

11. ILLI mhux minnu illi George u Annunziata konjuġi Cardona eskludew lil xi ħadd minn xi fond in diviżjoni;

12. ILLI ż-żewġt [sic] porzjonijiet art msemmija fil-premessi u magħrufa bħala 'Ta' Dun Luqa' fil-limiti ta' Sannat' [sic] ma humiex proprjetà ta' l-eredità [sic] u għalhekk qatt ma kienu mdaħħla fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet. L-atturi jridu jippruvaw b'liema mod din l-art tappartjeni lil din l-eredità;

13. ILLI finalment l-esponenti jinsistu illi kwalsijasi [sic] deċiżjoni għandha tirrispetta dak li fthemu [sic] bejniethom il-partijiet permezz tal-kuntratt ċitat;

14. ILLI bla preġudizzju għas-suespost iridu f'kull każ jiġu verifikati l-kwoti appartenenti lil kull wieħed u waħda mill-kondividenti;

15. ILLI din ir-riposta qed issir mill-konvenuti kollha u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mil[l]-konvenut George Cardona li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawża u in eċċezzjoni

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamati fil-kawża Alan Buttiġieg u martu Maria Buttigieg[4] illi eċċepew:**

**Dwar l-art Ta' Skerla**

1. ILLI permezz ta' kuntratt tal-4 ta' Frar 1998 (Nutar Michael Refalo) (Dok AB–1) huma xtraw mingħand il-konjuġi Jack u Victoria Galea porzjoni diviża ta' art f'passaġġ illi jinfed għal Triq Skerla, [Ta'] Sannat, Gozo

[4] Risposta Ġuramentata a fol. 549 sa 552.

[Għawdex], liema porżjoni diviża hija tal-kejl ta' ċirka mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187 m.k.) immarkata bl-ittra "B" fuq pjanta "A" annessa ma att ieħor ta' dakinhar stess tal-istess Nutar;

2. ILLI din hija parti mill-art li l-atturi qegħdin jitolbu l-qasma tagħha minn mal-konvenuti;

3.1. ILLI din l-art kienet il-mertu ta' għadd ta' kawżi mill-atturi odjerni u/jew l-antenati tagħhom kontra l-predeċessuri fit-titolu tal-kjamati fil-kawża tal-art *de quo* li fiha l-atturi dejjem spiċċaw telliefa;

3.2. kawża ta' spoll fl-ismijiet George Curmi et v Jack Galea et (Ċit. Nru. 158/85) finalment deċiża favur il-konvenuti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ġunju 1994 (Dok AB–3). Għalkemm kawża ta' spoll, l-atturi daħlu fl-element petitorju billi allegaw li l-art kienet proprjetà tagħhom "billi din kienet provenjenti mill-wirt ta' Pasquale Buttiġieg u mhux ta' Lorenzo Galea"(awtur fit-titolu tal-art in kwistjoni skond [sic] kif jirriżulta mill-provenjenza fil-kuntratt tal-akkwist tal-1982) u l-Onorabbli Qorti tal-Appell (għax wara li tilfu l-kawża l-atturi appellaw) stqarret hekk:

"Dan l-aggravju—li in verità, f'ċertu parti jabbina l-aspett tal-pussess ma' dak tal-proprjetà—kien jirrikjedi eżami akkurat tal-provi abbundanti li nġabru fil-prim'istanza u minnhom din il-Qorti tasal għall-konklużjonijiet li ġejjin:

a) Kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni tal-appellanti li l-parti rilevanti mill-art ġiet mill-wirt ta' Pasquale Buttiġieg, u mhux mill-wirt ta' Lorenzo Galea, apparti milli jidher li fil-kors tal-kawża daqqa

allegaw mod u daqqa ieħor, fi kwalunkwe każ huma mhux biss naqsu milli jġibu prova relativa konkluživa ta' dan iżda anqas biss ġabu l-prova minnhom mitluba li din il-porzjoni kienet almenu ġiet dikjarata fid-denunzja għall-fini tat-Taxxa tas-Suċċessjoni";

3.2. George Curmi et v Jack Galea et, Ċitazz Nru. 124/92, deċiża kontra l-istess atturi minn din il-Qorti (Onor. Maġistrat Paul Coppini—Dok AB–4) fil-11 ta' Diċembru 1997 fejn l-istess atturi talbu l-ħruġ ta' inibizzjoni permanenti (azzjoni għal kollox [sic] improponibbli fil-liġi tagħna) kontra l-konvenuti milli jagħmlu xogħlijiet fl-istess raba;

3.3. George Curmi et v Gioacchino sive Jack Galea et, Ċit. Nru. 204/94, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Diċembru 1997 (Dok AB–5) li fiha l-atturi u l-konvenuti fil-kawża preżenti jew l-antenati tagħhom kienu atturi, filwaqt li konvenuti kienu l-bejjiegħa u predeċessuri oħrajn fit-titolu tal-art akkwistata mill-kjamati fil-kawża msemmija f'paragrafu (1) *supra*. Fiċ-Ċit. Nru 204/94 l-atturi f'dik il-kawża talbu r-rivendika tal-art imsemmija u din il-Qorti (Onor. Magistat Paul Coppini) ċaħditilhom it-talba billi "l-atturi ma rnexxilhomx jipprovaw sodisfaċentement u fil-grad ta' ċertezza rikjesta mil-liġi illi huma tassew kienu u għadhom jippossjedu bi proprjetà l-istess art";

3.4. Għalkemm l-istess atturi m'appellawx mis-sentenza 204/94, intavolaw, b'mod flagranti kontra l-liġi proċedurali, kawża ta' ritrattazzjoni li ġiet miċħuda permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti (Dok AB–7) (Onor. Maġistrat Antonio Micallef Trigona) tad-29 ta' Marzu 2006 fl-ismijiet Michael Curmi et v Gioacchino

sive Jack u Victorine konjuġi Galea et., Ċit. Nru 223/1998;

4. ILLI għalhekk għall-azzjoni proposta mill-atturi f'din il-kawża hemm, fir-rigward tal-imsemmija art, l-**ostakolu tal-ġudikat** li jimpedixxi eżami ġdid ta' dak li diġà ġie deċiż fi kwalunkwe proċess ġdid u jorbot kull ġudikant dwar il-kontenut tal-aċċertament preċedenti. Kjarament l-atturi minkejja li tilfu kawża wara l-oħra, xorta qegħdin jirrifjutaw li jbaxxu rashom għad-deċiżjonijiet tal-Qorti u qegħdin jippruvaw, fejn ma daħlu mill-ebda bieb, jidħlu inkiss inkiss mit-tieqa. Agir rażenti għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.

**Dwar l-art Tal-Malampu**:

5. ILLI permezz tal-kuntratt tal-4 ta' Frar 1998 (Nutar Michael Refalo) imsemmi *supra* f'paragrafu 1 (Dok AB–1), huma xtraw ukoll, mingħand il-konjuġi Jack u Victoria Galea, il-kwart indiviż jew aħjar id-drittijiet kollha minn porzjoni diviża ta' art imsejjħa [sic] Ta' Skerla sive Tal-Malampu limiti [Ta'] Sannat, Gozo [Għawdex] tal-kejl ta' 1124 m.k. immarkata fuq pjanta "B" annessa ma['] att ieħor ta' dakinhar stess tal-istess Nutar u ċjoè li permezz tiegħu il-kjamati [sic] in kawża xtraw mingħand Emanuel Bonnici u oħrajn il-kwart indiviż l-ieħor jew aħjar id-drittijiet kollha mill-istess art (Dok AB–2);

6. ILLI għalkemm fir-rikors ġuramentat l-atturi odjerni jindikaw din l-art bħala appartenenti kollha lilhom, jirriżulta li għandhom biss nofs indiviż minnha, filwaqt li n-nofs indiviż l-ieħor jappartjeni lill-kjamati fil-kawża, kif jirriżulta mill-kuntratt ġja msemmi. Tant li l-predeċessuri fit-titolu tal-kjamati fil-kawża (ċjoè

dawk li biegħulhom l-art in kwistjoni) intavolaw kawża għad-diviżjoni tal-istess art kontra l-atturi u konvenuti f'din il-kawża u/jew id-*dante causa* tagħhom fl-ismijiet Jack Galea et v George Curmi et li ġiet deċiża minn din il-Qorti (Onor. Maġistrat Consueleo Scerri Herrera) fl-1 ta' Settembru 2005 (Dok AB–6). Il-konvenuti f'dik il-kawża qajjmu [sic], *inter alia,* l-eċċezzjoni li l-azzjoni ma kinitx proponibbli għaliex l-art kienet parti minn wirt tagħhom li kien għadu ma ġiex maqsum, iżda fil-mertu m'opponewx ruħhom għad-diviżjoni purke dik kienet l-unika proprjetà oġġett tad-diviżjoni u jiġu vverifikati l-kwoti rispettivi. Ma kkontestawx il-fatt li l-art tappartjeni kwantu għal nofs indiviż lill-predeċessuri fit-titolu tal-kjamati fil-kawża odjerni. Il-Qorti stabbiliet li l-proprjetà in kwistjoni kienet provenjenti nofsha mill-wirt ta' Pasquale Buttiġieg (dante causa tal-atturi u konvenuti f'din il-kawża) u nofsha mill-wirt battal ta' Lorenzo Galea (dante causa tal-art tal-kjamati fil-kawża) u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni li ma setgħetx issir diviżjoni parzjali ta' ereditȧ. B'danakollu kkonstatat li l-proprjetà kienet tappartjeni nofs lill-atturi u nofs lill-konvenuti f'dik il-kawża. Għalhekk fir-rigward tal-art tal-Malampu, hemm kemm l-aċċettazzjoni tal-atturi u konvenuti odjerni kif ukoll ġudikat li l-art tappartjeni nofs indiviż kull wieħed lilhom u lill-kjamati in kawża.

7. ILLI in vista tas-suespost l-istess porzjon art Ta' Malampu għandha **tinqasam f'żewġ porzjonijiet ugwali** fl-assi Tramuntana–Nofsinhar u l-porzjon tal-Lvant tingħata lill-kjamati fil-kawża stante l-

kontigwità mal-proprjetà tagħhom imsemmija f'paragrafu 1 *supra*.

ILLI l-ispejjeż rigward l-eċċezzjoni f'paragrafu [sic] għandha tkun a spejjeż tal-atturi.

**Fliet l-atti;**

**Rat** in-nota tal-atturi b'dokumenti ossija kopji legali tad-denunzji relattivi għaż-żewġ porzjonijiet art imsejħa «Ta' Dun Luqa»;[5]

**Rat** ir-rikors tal-atturi rigward l-eċċezzjonijiet preliminari u proċedurali tal-konvenuti kif ukoll ir-risposta tal-konvenuti għall-istess;[6]

**Rat** id-dokument «MS1» esibit mill-Avukat difensur tal-atturi fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2016 li jindika li l-atturi kollha odjerni lkoll taw il-kunsens tagħhom sabiex jiġu intavolati dawn il-proċeduri;[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2016 ġie ordnat aċċess fil-fond numru 30/31, Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Għawdex[8] bl-aċċess inżamm nhar it-2 ta' Ġunju, 2016;[9]

**Rat** in-nota ġuramentata tal-atturi li biha ddikjaraw il-provenjenza tal-beni in mertu u esibew ukoll ċertifikati tal-

[5] Nota a fol. 104 bid-dokumenti a fol. 105 sa 184. Pjanti relattivi li juru l-porzjonijiet art «Ta' Dun Luqa» a fol. 113 u 163.
[6] Rikors a fol. 185 sa 187 u risposta a fol. 189 sa 190.
[7] Dokument a fol. 192, inkluż in retro pagina.
[8] Verbal a fol. 215 u 216.
[9] Verbal tal-aċċess a fol. 223.

mewt ta' kull awtur tat-titolu għall-istess flimkien ma' denunzja *causa mortis* ta' Giuseppa Curmi;[10]

**Rat** li minkejja l-ewwel talba attriċi, fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2016 il-partijiet qablu li jitkompla l-ġbir tal-provi dwar il-mertu;[11]

**Rat** ir-rikors tal-atturi fejn intalbet il-ħatra tal-Perit Emanuel Vella jew perit alternattiv sabiex jagħmel stima tal-proprjetajiet in mertu u jirrelata dwar il-ħsarat fil-fondi ta' Triq il-Kbira, Ta' Sannat.[12] Rat ir-risposta tal-konvenuti għall-istess fejn iddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni għall-ħatra ta' perit sabiex jivvaluta l-proprjetà in kwistjoni iżda oġġezzjonaw li l-perit jirrelata dwra ħsarat bl-argument li dawn seħħew kawża ta' kwistjonijiet indipendneti mill-konvenuti;[13]

**Rat** id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta fejn intlaqet it-talba tal-atturi għall-ħatra ta' perit tekniku kemm sabiex jivvaluta l-proprjetajiet kollha indikati fir-rikors ġuramentat[14] kif ukoll sabiex jirrelata dwar l-istat attwali tad-djar 30/31 u 32 Triq il-Kbira, Ta' Sannat, Għawdex, jindika, kemm hu possibbli, il-ħsara f'kull fond u r-raġuni għall-istess, u jistima l-ispejjeż għax-xogħlijiet rimedjali neċessarji. B'dan iżda li l-Qorti ħatret lill-Perit Joseph Grech sabiex tassigura t-trasparenza u l-indipendenza;[15]

**Rat** ir-rapport tal-perit tekniku;[16]

---

[10] Nota a fol. 227 u 228, ċertifikati tal-mewt a fol. 229 sa 233, u denunzja ta' Giuseppa Curmi a fol. 234 sa 251.
[11] Verbal a fol. 280.
[12] Rikors a fol. 281 u 282.
[13] Risposta a fol. 308.
[14] Tmien (8) proprjetajiet b'kollox.
[15] Digriet a fol. 309 u 310.
[16] Rapport a fol. 362 sa 371 b'dokumenti a fol. 372 sa 411.

**Rat** in-nota tal-atturi b'kopja ta' diversi sentenzi ġudizzjarji relattivi għall-porzjon art «Ta' Triq Skerla» b'liema nota l-atturi ddikjaraw li l-porzjon ta' seba' mitt metru kwadru (700 m.k.) li fuqha bnew it-terzi u li ġiet stmata mill-perit tekniku fil-valur ta' tmien mija u ħamsin elf ewro (€850,000) trid tiġi eskluża minn din l-istanza mentri dik ta' seba' mija u sebgħin metru kwadru (770 m.k.) li fadal u li l-perit tekniku stmaha ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) għandha tibqa' inkluża;[17]

**Rat** li b'rikors tas-27 ta' Novembru, 2017, l-Ispiżjar Alan Buttiġieg u martu Maria Buttiġieg talbu li jintervjenu fil-kawża;[18]

**Rat** it-talba tal-konvenuti għall-kjamat fil-kawża tal-Ispizjar Alan Buttiġieg[19] u ż-żieda għall-kjamat fil-kawża ta' martu Maria Buttiġieg;[20]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2018 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba għall-kjamat fil-kawża tal-iIspizjar Alan Buttiġieg u martu Maria Buttigieg;[21]

**Rat** il-kuntratti ta' akkwist tal-kjamati fil-kawża;[22]

**Rat** id-deċiċjonijiet tal-Qrati nostrani msemmija fir-risposta tal-kjamati fil-kawża;[23]

**Rat** ir-rikors tal-atturi sabiex jiġi estiż l-inkarigu tal-perit tekniku il-Perit Joseph Grech wara l-kjamat fil-kawża tal-

---

[17] Nota a fol. 419 b'dokumenti a fol. 420 sa 453.
[18] Rikors a fol. 519 b'dokumenti—kuntratti ta' akkwist—a fol. 521 sa 529.
[19] Rikors a fol. 530.
[20] Verbal a fol. 545 u 546.
[21] Verbal a fol. 545 u 546.
[22] Kuntratti a fol. 553 sa 555, 556 sa 559, pjanti a fol. 560 sa 564.
[23] Deċiżjonijiet a fol. 565 sa 621.

konjuġi Buttiġieg.[24] Rat li l-konvenuti m'opponewx għal dan.[25] Rat li din it-talba ntlaqgħet fis-sentenza in parte tat-2 ta' April, 2019;[26]

**Rat** id-deċiżjoni in parte mogħtija mill-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-2 ta' April, 2019 dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mqajma mill-kjamati fil-kawża. L-istess eċċezzjoni—imsejsa fl-eċċezzjonijiet 1 sa 4 tal-kjamati in kawża—ġiet milqugħa limitatament fir-rigward tal-kejl ta' ċirka mija u sebgħa u erbgħin punt erba' metri kwadri (187.4 m.k.) mill-art «Ta' Skerla», Ta' Sannat, Għawdex;[27]

**Rat** ir-rikors tal-kjamati in kawża fejn talbu li l-inkarigu tal-perit tekniku jiġi estiż oltre mill-estensjoni diġà mogħtija qabel.[28] Rat li l-Qorti laqgħet din it-talba;[29]

**Rat** ir-rikors tal-atturi fejn talbu li l-kawża għall-bejgħ bil-liċitazzjoni titkompla fuq il-proprjetajiet kollha minnhom indikati għajr dik «Ta' Skerla» li fuqha hemm pretensjoni mill-kjamati fil-kawżi;[30]

**Rat** in-nota tal-kjamati fil-kawża b'anness magħha affidavit rilaxxat min-Nutar Kristen Dimech u ieħor rilaxxat mill-kjamat Alan Buttiġieg;[31]

---

[24] Rikors a fol. 637 u 638.
[25] Risposta tal-konvenuti a fol. 649.
[26] Sentenza in parte a fol. 755 sa 777.
[27] Sentenza in parte a fol. 755 sa 777.
[28] Rikors a fol. 806 u 807.
[29] Digriet a fol. 817.
[30] Rikors a fol. 813.
[31] Nota a fol. 1013, affidavit tan-Nutar Kristen Dimech a fol. 1014 sa 1019, affidavit tal-kjamat Alan Buttiġieg a fol. 1020 sa 1035 b'dokumenti a fol. 1036 sa 1062.

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2022 il-partijiet qablu sabiex din il-Qorti titratta biss il-kwistjoni li hemm fil-konfront tal-kjamati fil-kawżi;[32]

**Rat** li għal dan il-għan il-Qorti akkordat żmien lill-partijiet sabiex jagħmlu n-noti tal-osservazzjonijiet tagħhom b'dan li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;[33]

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;**

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

## B. PROVI:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**It-Tabib Veterinarju Dr Frank Galea**, Uffiċjal Veterinarju fis-Servizz Veterinarju għal Għawdex, xehed[34] li s-Servizz Veterinarju għandu reġistrazzjoni ta' annimali fuq isem il-konvenuta Annunziata sive Nancy Cardona.

Jixhed li bħala indrizz tal-persuna reġistrata huma kellhom dak tad-dar ta' Nancy Cardona b'dan li jħaddnu wkoll informazzjoni li l-annimali jinżammu f'razzett fil-kontrada «Ta' Saguna», f'Ta' Sannat, Għawdex u f'fond numru 30/31, Main Street, Ta' Sannat.

Iżid li jiftakar li l-fond 30/31, Main Street, Ta' Sannat ġie reġistrat bħala lok fejn jinżammu l-annimali bejn is-6 u s-7 ta' Frar, 2014 u dan jiftakru stante li huwa, flimkien ma'

[32] Verbal a fol. 1126.
[33] Verbali a fo. l 1126 u 1182.
[34] Traskrizzjoni a fo.l 193 sa 200.

impjegati tiegħu, kien mar jagħmel spezzjoni f'dan il-fond fejn tkellem ukoll ma' iben Nancy Cardona, ċjoè James Cardona.

Jixhed li dakinhar tal-ispezzjoni fil-fond 30/31 l-impjegati tiegħu infurmawh li Cardona kien ilhom bl-annimali fil-fond 30/31 b'dan li huma kienu jafu b'hekk għax kien hemm li jmorru sabiex jeżaminawlu l-annimali.

Jaqra minn dikjarazzjoni ta' impjegati tiegħu magħmula fis-6 ta' Frar, 2014 fejn jgħidu li kien ilhom jeżaminaw l-annimali ta' Cardona fil-fond 30/31 għall-aħħar ħames (5) snin.

Jixhed li fl-2009, il-merħla fil-fond numru 30/31 kienet tammonta għal sitax(16)-il annimal. Iżid li suppost dan huwa n-numru li għandu jinstab hemmhekk illum stante li prova ta' trasferiment ta' annimali, illi kieku tkun fil-fajl tagħhom, m'hemmx.

Jixhed li jiftakar li l-fond 30/31 huwa dar antika. Iżid li jiftakar li daħal fl-intrata b'dan li ra mogħoz fil-kmamar laterali isfel u ħrief f'kamra fuq.

Jgħid li l-annimali li ra fil-fond 30/31 jistgħu joqogħdu fir-razzett «Ta' Saguna».

Jaqra min dikjarazzjoni ta' Nancy Cardona datata s-7 ta' Frar, 2014 fejn stqarret li hija ma kinitx ser tħarrek annimali minn fond għall-ieħor jekk mhux b'mod uffiċjali.

Jesibixxi, *inter alia*, lista ta' annimali reġistrati fil-fond 30/31—sittax(16)-il annimal,[35] lista ta' annimali reġistrati fir-razzett «Ta' Saguna»—ħamsa u ħamsin(55) il-annimal,[36] dikjarazzjoni ta' Nancy Cardona fejn tgħid li mhux ser tħarrek annimali jekk mhux b'mod uffiċjali,[37] u; dikjarazzjoni tal-impjegati tiegħu datat is-6 ta' Frar, 2014 fejn jgħidu li għall-aħħar ħames (5) snin huma eżaminaw annimali ta' Nancy Cardona kemm fir-razzet «Ta' Saguna» kif ukoll fil-fond numru 30/31.[38]

**Joseph Curmi**, konvenut, xehed[39] li ż-żewġ porzjonijiet raba' li jidhru fil-pjanta a fol. 51 tal-proċess—raba' «Ta' Dun Luqa»—jinsabu f'idejh.

Il-Qorti ordnatlu jesibixxi kopja tad-denunzja ta' missieru Emanuel Curmi liema denunzja ġiet esibita.[40]

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit.[41] Jiddikjara li meta ltaqgħu għand in-Nutar Paul George Pisani fl-2010 il-kmamar fuq il-lemin tal-proprjetà fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, kienu diġà waqgħu iżda fil-kuntratt dan ma ssemmiex. Iżid li ma jafx kemm ilhom f'din id-dar l-annimali.

Jiddikjara li jaqbel mal-affidavit ta' ħuh Michael li kemm-il darba kellmu lil Ludovik u kuġini oħra sabiex jaraw x'jagħmlu bil-proprjetà in komuni iżda qatt ma waslu. Iżid li huma xtaqu jiltaqgħu u jiftiehmu fuq qasma ta' dak li kien fadal.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit ieħor.[42] F'dan it-tieni affidavit jiddikjara li s-sehem li jgħajjat lilu fil-

[35] Lista a fol. 201 u 202.
[36] Lista a fol. 203 sa 207.
[37] Dikjarazzjoni a fol. 210.
[38] Dikjarazzjoni a fol. 211.

proprjetà in mertu ġej mill-wirt ta' missieru Emanuel Curmi. Iżid li huma kienu għaxart (10) aħwa mentri missieru kienu tnax(12)-il aħwa.

Iżid li fl-2010 kienu ftiehmu fuq qasma u b'hekk waslu għall-kuntratt in atti Nutar Paul George Pisani. Jiddikjara li dakinhar qabdu l-proprjetà kollha li kienet għall-qasma u daħħluha fil-kuntratt. Iżid li wħud mill-proprjetajiet inqasmu u oħrajn baqgħu in komun sabiex jinbiegħu.

Jiddikjara li l-biċċtejn art «Ta' Dun Luqa» li jissemmew fir-rikors ġuramentat ma ddaħħlux fil-kuntratt għaliex wara verifiki li saru mill-partijiet kien ġie deċiż illi dawk jgħajtu biss lil missieru u għalhekk m'humiex tal-qasma. Iżid li fil-fatt uħud minn ħutu li huma atturi f'din l-istanza infurmawh li l-attur Ludovik qatt ma qalilhom li dawn il-biċċtejn art ser jiżżeffnu fil-kawża.

Iżid li huwa minnu li fid-denunzja ta' missieru kif rikjesta f'din il-kawża sehem missieru f'dawn il-biċċtejn art jidher li huwa ta' parti minn tnax—1/12—iżda dakinhar tal-kuntratt in atti Nutar Paul Goerge Pisani huma kienu indunaw li dan kien żball u għalhekk dawn il-biċċtejn art ma ddaħħlux fil-kuntratt.

Jiddikjara li huwa talab lill-attur Ludovik sabiex iforni dokumenti li jippruvaw l-allegazzjoni tiegħu li dawn il-biċċtejn art huma wkoll tal-qasma iżda dan naqas milli jagħmel hekk.

---

[39] Traskrizzjoni a fol. 212 sa 213. Ġiet esibita pjanta a fol. 214 li hija identika għal dik a fol. 51.
[40] Denunzja a fol. 345 sa 357.
[41] Affidavit a fol. 275.
[42] Affidavit a fol. 455 sa 456 b'dokumenti a fol. 457 sa 468.

Iżid li dawn il-biċċtejn raba' huma dawk li l-attur Ludovik jgħid li huwa kkapparra però dan mhux minnu għax dawk tiegħu u ta' ħutu biss u ħutu kuntenti bih fihom. Jiddikjara li jekk Ludovik jipprovdi prova li hemm mhux tagħhom biss iżda tal-qasma huwa johrog minn hemm.

Rigward id-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, jgħid li dawk huma qodma ħafna u ġratilhom ħsara meta waqqgħu l-ġirien u ħaffru għall-pixxina—*swimming pool*. Iżid li dakinhar ħadd mill-werrieta ma tkellem.

Rigward l-art «Ta' Triq Skerla» jgħid li l-atturi m'humiex korretti jitolbu li jeskludu porzjon minnha minn din il-kawża abbazi ta' tliet (3) sentenzi tal-Qorti li preżentaw f'din l-istanza. Jgħid li dawk is-sentenzi huma waħda ta' spoll bit-tnejn l-oħra—kawża u ritrattazzjoni tagħha—jirrigwardaw art oħra ta' tlieta u disgħin punt seba' metri kwadri (93.7 m.k.) fl-istess territorju mentri l-art in mertu ta' dawn il-proċeduri hija ta' elf erba' mija u sebgħin metru kwadru (1,470 m.k.) bit-terz li bena fuqha bena abbużivament. Jinsisti li din l-art fl-intier tagħha għandha tibqa' parti f'din il-kawża.

Jipprezenta d-denunzji tan-nanna tiegħu Carmela Curmi mart Guzepp Curmi, u taz-zija ta' missieru Michelina Buttiġieg. Jgħid li l-proprjetà in mertu ta' din l-istanza ġej mill-wirt tagħhom għajr għal biċċtejn art «Ta' Dun Luqa» li missieru akkwista min sorsi oħrajn.

**Ludovik Curmi**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[43] Iddikjara li huwa wieħed mill-komproprjetarji tar-raba' u l-bini li jissemma fir-rikors ġuramentat. Jgħid li dawn il-proprjetajiet huma in komuni bejn l-atturi u l-konvenuti.

[43] Affidavit a fol. 218 sa 221.

Jiddikjara li l-partijiet kienu qassmu diversi porzjonijiet raba' b'żewġ (2) kuntratti tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar Paul George Pisani.

Jispjega li b'dawk iż-żewġ (2) kuntratti ma kinux qasmu l-proprjetajiet kollha komuni bejniethom b'dan li fadal x'jinqasmu l-proprjetajiet komuni msemmija fir-rikors ġuramentat.

Jiddikjara li erba' (4) xhur wara li saru l-kuntratti għand in-Nutar Pisani kienu biegħu żewġ (2) porzjonijiet art li kienu għadhom komuni bejn il-partijiet. Jispjega li dawn kienu artijiet magħrufa bħala «Ta' Dun Luqa» tal-kejl waħda ta' ċirka mija u erbgħa u tletin metru kwadru (134 m.k.) u oħra ta' ċirka sebgħa u erbgħin metru kwadru (47 m.k.) li kienu nbiegħu b'kuntratt tat-18 ta' April, 2011 in atti Nutar Paul George Pisani.

Jiddikjara li huwa ttenta l-bejgħ ta' proprjetajiet oħra u anke bagħat terzi interessati jixtru għand il-konvenuti iżda qatt ma ngħata risposta mingħand il-konvenuti.

Jixhed li d-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, ġew akkapparrati mill-konvenuti konjuġi George u Nancy Cardona flimkien ma' binhom James li jżommuhom imsakrin b'katnazz. Iżid li fihom iżommu annimali bħal nagħaġ, mogħoż, fniek u tjur.

Jiddikjara li jidher li l-konvenuti konjuġi George u Nancy Cardona mhux izommu dawn id-djar fi stat ta' manutenzjoni tajjeb b'dan li fihom qed tiġri ħsara kbira. Iżid li għalkemm ġew avżati jivvakaw dawn id-djar il-konvenuti konjuġi George u Nancy Cardona dan m'għamluhx.

Jiddikjara li fl-2014 huma talbu laqgħa għand il-Perit Emanuel Vella sabiex skont il-ftehim tat-18 ta' Diċembru, 2010 jistima l-proprjetajiet in komunjoni. Iżid li l-laqgħa nżammet fis-6 ta' Ġunju, 2014 iżda għaliha ma attendiex kulħadd u bejn minn attenda nqalgħu ħafna argumenti bil-perit kellu jħassar il-laqgħa.

Jiddikjara li wara li sfaxxat din il-laqgħa huma talbu lill-avukat tagħhom jikteb lill Perit Vella sabiex jaċċedi fid-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat u jħejji stima tagħhom flimkien ma' rapport tal-kondizzjoni tagħhom. Iżid li l-Perit Vella għamel varji tentattivi sabiex jiżvolġi dan il-kompitu iżda ma sabx koperazzjoni mingħand il-konvenuti. Iżid li l-korrispondenza kollha relattiva għal-laqgħa miżmuma għand il-Perit Vella u t-tentattivi tiegħu sabiex jaċċedi fil-proprjetajiet fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, hija esibita in atti ta' din il-kawża.

Iżid li wara dan huwa kompla jittenta li jseħħ il-bejgħ tal-proprjetajiet miżmuma in komunjoni iżda l-konvenuti konjuġi George u Nancy Cardona la wrew interess li jsir il-bejgħ u anqas qasma b'dan li skontu jridu li d-djar jibqgħu fil-pussess tagħhom huma biss. Jgħid li bl-istess mod il-konvenut Joseph Curmi kkapparra il-biċċtejn art «Ta' Dun Luqa». Iżid li dawn il-biċċtejn raba' huma wkoll in komproprjetà bejn il-partijiet u tnisslu mill-istess wirt.

Jiddikjara li kien għalhekk li kellha ssir din il-kawża.

**In kontroeżami**, xehed[44] li jaqbel li fuq il-proprjetà in mertu kien hemm kawża antika li nbdiet fl-1979 li ġiet transata bil-kuntratt tal-2010 in atti Nutar Paul George Pisani. Ma jaqbilx li fetaħ din il-kawża sabiex jimxi b'mod differenti min kif ftiehmu b'dak il-kuntratt.

Jaqbel li l-kuntratt jgħid kif għandhom jinbiegħu l-proprjetajiet b'dan li b'din il-kawża huwa qed jitlob il-bejgħ bis-subbasta għax ma' waslux skond il-kuntratt. Jispjega li pruvaw kemm il-darba nkluz billi sejhu laqgħa għand il-Perit Vella, bil-konvenuti hebbew għalihom.

Rigward il-biċċtejn raba' «Ta' Dun Luqa» li l-konvenut Joseph Curmi u ħutu jgħidu li huwa tagħhom waqt li huwa jgħid li huwa tal-qasma, jgħid li dak ma ddaħħalx fil-kuntratt tal-2010 in atti Nutar Paul George Pisani biss għaliex ma kienx parti mill-kawża li ġiet transatta bl-istess kuntratt. Jgħid li dan ir-raba' wkoll ġej mill-istess wirt.

Mistoqsi jekk qattx ra kuntratti dwar dawn il-biċċtejn raba' «Ta' Dun Luqa» jgħid li dawn ġew għandhom min-naħa ta' missieru li wirithom min-naħa ta' ommu Carmela Curmi. Mistoqsi jekk qattx ra d-denunzja ta' Carmela Curmi u ta' Michelina Buttiġieg u jafx li fihom ir-raba' «Ta' Dun Luqa» ma jissemmiex jgħid li ma jistax jirrispondi għax dawk id-denunzji qatt ma kienu għandu.

Mistoqsi jaqbilx allura li m'għandu xejn x'juri li dawn il-bictejn art huma parti mil-wirt mertu tal-qasma jgħid li jiftakar liz-zijiet fihom u li fl-1984 meta saret id-denunzja ta' zijuh Pawlu lilu ndikawlu dawn l-artijiet ukoll.

Rigward il-porzjon art «Ta' Triq Skerla» li fuqha bnew xi terzi, jgħid li talbu li jeskluduha minn din il-kawża stante li fuqha bnew it-terzi. Jaqbel li din l-art ġiet inkluż fil-kuntratt tal-2010 u kienet ukoll inkluża fil-kawża tal-1979 li ġiet ċeduta bl-istess kuntratt. Iżid li huwa lit-terz li bena fuq din l-art kellmu darba u qatt ma bagħat lil ħadd ikellmu f'ismu.

[44] Traskrizzjoni a fol. 471 sa 480.

**In rieżami**, jixhed[45] li dakinhar tal-kuntratt għand in-Nutar Paul George Pisani l-ftehim kien li l-proprjetajiet li baqgħu in komun kellu jtihom il-prezzijiet għalihom il-Perit Emanuel Vella mbagħad jitpoġġew għall-bejgħ. Iżid li bagħtu għall-konvenuti iżda dawn irrifjutaw. Jgħid li bejn il-kuntratt u l-kawża għaddew ħames (5) snin u bejniethom qatt ma wasslu.

Iżid li tul iż-żmien bejn il-kuntratt u din il-kawża huwa ma kienx permess jaċċedi fil-proprjetajiet in mertu. Rigward id-djar 30/31 u 32 jgħid li huwa ma setax jaċċedi għax fihom il-konvenut George Cardona, martu Nancy, u ibnu James iżommu l-bhejjem.

Rigward l-art «Ta' Triq Skerla» jgħid li fuq din kien hemm diversi kwistjonijiet il-Qorti lkoll mat-terz li bena fuqha, l-ispiżjar Alan Buttiġieg. Iżid li fuq parti minn din l-art iddeċidiet il-Qorti. Jgħid li skont huwa għandha tinqala' barra minn din il-kawża l-parti mill-art «Ta' Triq Skerla» fejn bena Alan Buttiġieg.

Rigward iż-żewġ (2) porzjonijiet art «Ta' Dun Luqa» jgħid li dawn kienu inklużi fil-kawża l-antika li ġiet transatta tant li l-ġenituri tal-konvenut George Cardona stess kienu daħlu fihom sabiex ikejluhom.

Jirreferi għal fejn semma lil zijuh Pawlu u jgħid li dan huwa Pawlu Curmi. Jgħid li meta ġie sabiex jagħmel id-denunzja tiegħu huwa ma kienx jaf x'art hemm. Iżid li lil Pawlu Curmi wirtitu ommu in parte. Jgħid li meta ġie sabiex jagħmel id-denunzja ta' Pawlu Curmi l-artijiet urihomlu George Curmi li kien zijuh u hu Pawlu Curmi. Jgħid li lill George Curmi wirtu l-konvenut Michael Curmi.

[45] Traskrizzjoni a fol. 480 sa 489.

**In kontroeżami ulterjuri**, rigward Alan Buttiġieg jixhed[46] li jaf li l-kawzi li semma jittrattaw art ta' tlieta u disgħin metru kwadru (93 m.k.) mentri Alan Buttiġieg qed jokkupa seba' mitt metru kwadru (700 m.k.).

**Il-Perit Emanuel Vella** xehed permezz ta' affidavit.[47] Iddikjara li huwa kien ġie magħżul mill-partijiet bil-kuntratt ta' diviżjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar Paul George Pisani sabiex jistima xi bini u raba' f'Ta' Sannat.

Jiddikjara li fl-2014 kien kellmu l-avukat difensur tal-atturi sabiex izomm laqgħa bl-għan li jiġu ffissati l-prezzijiet tal-proprjetajiet li kien baqa' in komuni bil-ħsieb li l-istess jinbiegħu skont kif kien ġie miftiehem bil-kuntratt preċitat.

Jispjega li kien iffissa laqgħa għas-6 ta' Gunju, 2014 fejn attendew uħud mill-partijiet. Iżid li l-laqgħa ntemmet ħesrem billi mal-bidu tagħha qamu agrumenti sħan bis-sitwazzjoni skalat u b'hekk ħass li kien għaqla li l-laqgħa tieqaf.

Iżid li ftit żmien wara rċieva ittra mingħand l-avukat difensur tal-atturi sabiex jaċċedi fid-djar ta' Main Street, Ta' Sannat, jistima l-istess u jirrelata dwar il-kondizzjoni tagħhom.

Jiddikjara li huwa kien infurmat li d-djar huma pusseduti minn George Cardona u għalhekk ittenta kuntatt miegħu iżda ma' rnexxielux jaccedi fil-proprjetajiet.

---

[46] Traskrizzjoni a fol. 489 sa 491.
[47] Affidavit a fol. 254 sa 256 b'dokumenti annessi a fol. 257 sa 265.

Jesibixxi kopja tal-korrispondenza kollha li għaddiet dwar l-iffissar tal-laqgħa kif ukoll it-tentativ tiegħu sabiex iżomm aċċess fid-djar numri 30, 31, u 32 Ta' Sannat.

Jesibixxi wkoll risposta tal-avukat difensur tal-konvenuti konjuġi George u Nancy Cardona fejn dawn ma tawhx kunsens iħejji rapport u oħra mibgħuta lill-avukat difensur tal-atturi u kkupjata lilu.

**In-Nutar Paul George Pisani** xehed permezz ta' affidavit.[48] Iddikjara li huwa ppubblika żewġ (2) kuntratti fit-18 ta' Diċembru, 2010. Iżid li b'dawn iż-żewg kuntratti l-partijiet ma qasmux il-komproprjetà kollha iżda żammew id-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat u r-raba' «Ta' Dun Luqa», «Ta' Skerla», u «Ta' Minku»—ilkoll f'Ta' Sannat—in komun bejniethom.

Iżid li dwar il-proprjetà li baqgħet in komuni l-partijiet kienu qablu li jekk ma jaqblux fuq prezz bejniethom, jitqabbad il-Perit Emanuel Vella sabiex jistima l-istess sabiex eventwalment tinbiegħ.

Jiddikjara li ma jafx x'ġara mill-proprjetà li lkoll baqgħet in komuni għajr għall-porzjon minn «Ta' Dun Luqa» li nbiegħet f'żewġ (2) partijiet diviżi lil tnejn min-nies differenti b'kuntratt att—18 ta' April, 2011—jesibixxi kopja tiegħu.

Jiddikjara li mal-kuntratt ta' diviżjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 ġie inkluż dokument immarkat bl-ittra «U» li juri l-ishma tal-partijiet fil-proprjetà in komuni li ma kinitx ġiet diviża.

[48] Affidavit a fol. 266 sa 268 b'dokument a fol. 269 sa 272, inkluż retro pagina.

Jispjega li l-provenjenza tal-proprjetà oġġett tal-kuntratt ta' diviżjoni hija mnissla fil-kuntratt inniffsu. Iżid li d-denunzji tal-awturi tal-partijiet kienu saru u dan ikkonfermah bir-riċerka tiegħu b'dan li awturi oħrajn jew kien ilhom li mietu aktar minn għoxrin (20) sena u, f'każ fejn le, ġie ottjenut il-permess tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kif neċessarju. Jiddikjara wkoll li fil-każ tal-awturi tal-partijiet li mietu wara l-1992 saru l-kuntratti ta' trasferiment *causa mortis*.

**Michael Curmi**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[49] Jiddikjara li l-atturi f'din il-kawża huma lkoll kuġini tiegħu.

Jiddikjara li dwar id-dar 31/32 Triq il-Kbira, Ta' Sannat ma tantx jista' jgħid għaliex ma jersaqx 'l hemm. Iżid iżda li din ilha diżabitata b'dan li ovvjament soffriet ħsarat.

Iżid li bil-kuntratt ta' diviżjoni tal-2010 ftiehmu fuq diversi proprjetajiet filwaqt li żammew oħrajn in komuni bil-ftehim li jbigħuh.

Jiddikjara li meta għaddha ż-żmien u ma ċċaqlaq xejn, huwa u kuġini oħrajn kemm-il darba kellmu lil Ludovik sabiex issir laqgħa bl-għan li tinqasam il-proprjetà u raba' li baqgħet in komuni iżda huwa qatt ma aċċetta li jiltaqgħu għal dan il-għan.

Iżid li huwa u konvenuti oħra sejħu laqgħa għand Joseph ħu Ludovik għal liema attendew il-maġġoranza tal-kuġini iżda Ludovik ma attendiex. Jiddikjara li kull min kien preżenti qabel li l-proprjetà li baqgħet in komuni tinbiegħ jew tinqasam. Iżid li wara dan irċevew ittra sabiex jiltaqgħu għand il-Perit Emanuel Vella. Jgħid li huwa dakinhar ma attendiex iżda attendew martu u bintu. Iżid li wara din il-

[49] Affidavit a fol. 274.

laqgħa għand il-perit baqa' kollox kif kien sakemm infetħet din il-kawża.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit ieħor.[50] Jiddikjara li jaqbel mat-tieni affidavit ta' ħuh Joseph Curmi, jadottah bħala tiegħu u m'għandu xejn iżjed xi jżid miegħu.

**In kontroeżami**, xehed[51] li jaqbel li l-avukat difensur tal-atturi kien avukat tiegħu rigward kwistjonijiet oħra inkluż kontra t-terz—Alan Buttiġieg—li bena fuq porzjon mill-art «Ta' Triq Skerla». Jgħid li jaqbel ukoll li l-avukat difensur tal-atturi kien ċempillu sabiex jidher għand il-Perit Vella bl-għan li jiġu stabbiliti l-prezzijiet sabiex iseħħ il-bejgħ tal-proprjetajiet li kien baqa' in komuni.

Jinsisti li kull ma seta' nqasam, inqasam bejniethom bil-kuntratt tal-2010 mingħajr problemi.

Mistoqsi għalfejn 'il fuq minn ħames (5) snin mill-iffirmar tal-kuntratt tal-2010 in atti Nutar Paul George Pisani sal-bidu ta' din l-istanza ma sar xejn sabiex jiġu prezzati u mibjugħa l-proprjetajiet li baqgħu in komuni bejniethom jgħid li jibda minnu, kulħadd qisu baqa' b'idu marbuta. Iżid iżda li huwa kien jirsisti ma' Ludovik u ħutu Joseph u Carmelo. Jgħid ukoll li George Cardona kien jgħidlu li ladarba ma waslux għall-bejgħ messhom jaqsmu u minn jieħu 'l hawn u minn 'l hemm.

Jgħid li kif waslu fuq il-proprjetà l-oħra setgħu waslu fuq dawn imma trid tiftiehem.

Jgħid li kien hemm okkażjoni fejn huwa u l-aħwa George Cardona u Joseph Cardona kienu qed jittentaw jaraw x'ser isir fuq il-kwistjoni tat-terz li bena fuq l-art tagħhom «Ta'

[50] Affidavit a fol. 469.
[51] Traskrizzjoni a fol. 492 sa 506.

Triq Skerla» iżda waqt li kienu jiddiskutu dan waslet l-ittra tal-avukat għal-laqgħa għand il-Perit Vella u beda jrodd is-slaleb. Mistoqsi għalfejn ma komplewx jittentaw isolvu din il-kwistjoni għand il-Perit Vella jgħid li huwa dejjem propens jirranġa u jekk jiftiehmu prezz joqgħod.

Jgħid li huwa kien jaf li James, iben il-konvenut George Cardona, kien iżomm xi ħaġa fid-djar ta' Triq il-Kbira, Ta' Sannat. Iżid li kien qal lil Ludovik jaraw jirranġawx xi ħaġa. Jindika xi tip ta' tpartit. Jgħid: *ftit l'hawn* [sic] *u ftit l'hemm* [sic]—a fol 499, u *ejja ħa nieħdu biċċa kull wiehed, għidtilhom*—a fol. 501.

Jgħid li huwa, jekk xi ħadd ġie biex jixtri, ma kienx jopponi għall-prezzijiet.

Rigward iż-żewġ (2) porzjonijiet art «Ta' Dun Luqa» jgħid li ma jaħsibx li dan huwa tal-qasma. Iżid li liz-ziju George Curmi wirtu huwa bid-denunzja għamilha huwa. Jgħid li f'dik id-denunzja dan ir-raba' ma semmiehx għax kien diġà tagħhom.

Jaqbel li George u Pawlu Curmi kienu aħwa ġuvintur u kienu involuti fil-kawża l-antika li transiġew huma bil-kuntratt tal-2010 in atti Nutar Paul George Pisani. Iżid li jiftakar ukoll li wara li miet George daħal huwa fil-kawża l-antika bħala l-eredi tiegħu. Iżid li ma jaħsibx li f'dik il-kawża kienet inkluża r-raba' «Ta' Dun Luqa».

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit ieħor.[52] Jiddikjara li huwa ħa konjizzoni tal-affidavit magħmul mill-Avukat Mario Scerri rigward il-provenjenza tat-titoli u jaqbel miegħu.

[52] Affidavit a fol. 982 sa 984 b'dokument a fol. 985.

Jiddikjara li l-art fejn bnew il-kjamti tmur oltre mill-187.4 m.k. li kienu akkwistaw.

Jirreferi għall-kuntratt ta' akkwist tat-18 ta' Ottubru, 1982 in atti Nutar Michael Rfealo li bih akkwistaw l-awturi tal-kjamati. Iżid li eventwalment meta l-awturi tagħhom biegħu lilhom—lill-kjamati—dawn biegħu aktar milli huma qatt kienu akkwistaw.

Jiddikjara li l-provenjenza ċċitata fil-kuntratti ta' akkwist tal-kjamati hija l-istess—il-kuntratt tat-18 ta' Ottubru, 1982. Iżid li minn dan huwa ċar li l-kjamati ma setgħux akkwistaw aktar milli kellhom min begħilhom. Iżid li għalhekk meta akkwistaw il-kejl ta' mija u sebgħa u tmenin punt erba' metri kwadri (187.4 m.k.) għal darbtejn dan huwa frawdolenti għax min begħlu kien akkwista biss siegħ wieħed i.e. mija u sebgħa u tmenin punt erba' metri kwadri (187.4 m.k.) għal darba.

Jiddikjara li l-kjamati dan jafuh u jaf li hemmhekk tagħhom. Jgħid li tant dan minnu li il-kjamat ġera warajh biex ibegħlu u talbu l-kuntrtati u riċerki b'dan li meta tahomlu rah li kien ħosbien.

Jiddikjara li l-kuntratt tal-1982 anqas m'huwa korrett. Jgħid li saru diversi żbalji fl-interpretazzjoni tal-kuntratti u l-artijiet. Jgħid li dawn l-iżbalji kibru meta mbagħad il-kejl fil-kuntratt tal-1982 irdoppja meta akkwistaw il-kjamati.

**George Cardona**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[53] Iddikjara li fil-proprjetà numru 30/31, Triq il-Kbira, Ta' Sannat, hemm sittax (16)-il nagħga ta' martu Nancy b'dawn ilhom hemm minn ċirka l-2008.

[53] Affidavit a fol. 276 u 277.

Jiddikjara li anke sa miż-żmien li kienu jgħixu f'din il-proprjetà z-zijiet Kelinu u Ġorġi din kienet diġà fi stat dilapitat tant li dawn kienu ħarġu minnha għax beżgħu li tiġġarraf fuqhom. Jgħid li dan seħħ xi ħamsa u tletin (35) sena qabel b'Kelinu mar jgħix miegħu u l-post baqa' abbandunat u b'hekk żdinga aktar.

Iżid li l-post 30/31 kompla ħa daqqa ta' ħarta xi sbatax(17)-il sena ilu meta s-sidien tal-fond aġjacenti ħaffru pixxina—*pool*. Iżid li ħadd mill-werrieta l-oħra ma ta' każ u huwa anqas m'għamel xejn stante li dak iż-żmien inzerta kien korra gravament.

Jiddikjara li l-kmamar maġenb fejn hemm il-pixxina tal-ġar ilhom imġarrfin minn dakinhar u għalhekk, sbatax(17)-il sena u dan minkejja li fl-2010 fuq il-kuntratt ta' diviżjoni dan ma ssemmiex. Iżid li m'huwiex minnu dak li jallega Ludovik li t-tiġrif seħħ b'riżultat tal-annimal stante li dawn jinsabu segregati f'porzjon wieħed tal-fond li mhux fejn waqgħu l-kmamar.

Jiddikjara li fl-2010, meta sar il-kuntratt ta' diviżjoni, in-nagħaġ ta' martu kienu diġà f'din il-proprjetà u ħadd ma lmenta. Iżid li kienu tkellmu biss li jekk jinstab bejgħ, kull minn kien qed jokkupa xi proprjetà kellu joħroġ.

Jiddikjara li fl-2014 avviċina lil Joseph ħu Ludovik u kuġin ieħor tiegħu u ta' Ludovik u qalilhom sabiex jaraw x'jagħmlu b'kull proprjetà komuni, inkluż il-fond 30/31. Iżid li kien hemm li Ludovik iġġieled ma' ibnu James għax deherlu li n-nagħaġ m'għandhomx ikunu hemm ġew.

Jinsisti li l-problemi strutturali f'dan il-fond ilhom hemm ħafna snin, 'il fuq minn ħamsa u tletin (35) sena, u ħadd qatt ma ħa inizjattiva fir-rigward.

Iżid li huwa daħal hemm biss meta poġġew in-nagħag xi tmien (8) snin qabel u qabel dan anqas kien biss jirfes hemm.

**In kontroeżami**, xehed[54] li huwa kien hemm għall-kuntratt tal-2010 in atti Nutar Paul George Pisani. Iżid li dakinhar ma nqasmitx il-proprjetà kollha b'minnha nżammet in komun. Jaqbel li fost dik li nżammet in komun hemm id-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat.

Jaqbel li rċieva ittra sabiex jiltaqgħu għand il-Perit Vella. Iżid li marru u ma waslu għalxejn għax spiċċaw jargumentaw. Jgħid li ma jiftakarx li rċieva ittra oħra sabiex jagħti aċċess lill-Perit Vella. Iżid li l-Perit Vella qatt ma seta' jagħmel stima għaliex qatt ma ġie ħadd sabiex jixtri.

Jaqbel li fid-djar ta' Triq il-Kbira huwa u ibnu kellhom in-nagħaġ. Jaqbel li n-nagħaġ tneħħew mill-post iżda jżid li anke bin-nagħaġ fih il-post nadif kien jinżamm. Iżid li n-nagħaġ tneħħew minn hemm meta marret il-Maġistrat.

Jinsisti li ittra mingħand l-avukat difensur tal-atturi huwa rċieva darba biss, meta ntalbet il-laqgħa għand il-Perit Vella.

Moqrija lilu l-ittra tal-Perit Vella a fol. 67 tal-proċess, fejn il-perit informa lill-avukat difensur tal-atturi li kellem lix-xhud u lil martu sabiex jiltaqgħu għall-aċċess iżda fil-jum appuntat dawn ma dehrux, jgħid li ma jafx biha din.

[54] Traskrizzjoni a fol. 507 sa 516.

**Martin Cardona**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[55] Jiddikjara li l-post 30/31 Triq il-Kbira, Ta' Sannat, ilu abbandunat. Iżid li biss biss zijuh Kelinu ilu ħmistax(15)-il sena mejjet u kien ilu ħmistax(15) aktar li ħareġ minn hemm. Iżid li allura l-post ilu abbandunat 'il fuq minn tletin (30) sena b'dan li huwa dejjem jafu mitluq. Iżid li s-soqfa jafhom mwaqqgħin mindu kellu għoxrin (20) sena.

**Joseph Cardona**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[56] Jiddikjara li l-konvenut George huwa ħuh u huma lkoll kuġini ta' Ludovik. Rigward il-fond 30/31 jgħid li dan ilu abbandunat xi ħamsa u tletin (35) sena. Iżid li l-aħħar li għexu hemm kienu z-zijiet tagħhom Kelinu u Ġorġi b'dawn ħarġu għax beżgħu li jaqa' fuqhom peress li dak iż-żmien il-post kien diġà fi stat ħażin.

Jiddikjara li l-kmamar li ġġarrfu waqgħu qabel sar il-kuntratt tal-2010. Iżid li dawn kien ilhom dgħajfa b'dan li meta ħaffer il-ġar sabiex bena l-pixxina waqgħu.

Iżid li jaf li ħuh u martu għandhom xi nagħaġ fil-post b'dawn ilhom hemm numru ta' snin u qatt ma daħlu fejn hemm il-kmamar imġarrfin. Iżid li n-nagħaġ ilhom hemm bejn tmienja (8) u għaxar (10) snin bil-bini waqa' ħafna qabel daħlu n-nagħaġ.

**L-Avukat Mario Scerri**, avukat difensur tal-atturi, xehed permezz ta' affidavit.[57] Jiddikjara li huwa kien wieħed mill-avukati li assista lill partijiet fuq l-att ta' diviżjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar Paul George Pisani.

Jiddikjara li l-partijiet kienu qablu u ftiehmu bejniethom li xi proprjetajiet jibqgħu indiviżi bejniethom bl-intiża ċara li

[55] Affidavit a fol. 278.
[56] Affidavit a fol. 279.
[57] Affidavit a fol. 285 sa 288 b'dokumenti a fol. 289 sa 293.

dawn jiġu offruti għal bejgħ bi prezz miftiehem bejniethom u, f'każ li ma jaslux għal ftehim bejniethom, bi prezz li jiġi ffissat mill-Perit Emanuel Vella.

Iżid li mill-proprjetajiet li nżammu in komuni nbiegħet biċċa magħrufa bħala «Ta' Dun Luqa» li tinsab f'Ta' Sannat fl-2011.

Jiddikjara li fl-2014 kellmuh uħud mill-atturi rigward il-fatt li l-konvenut George Cardona kkapparra d-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat, sabiex poġġa fihom diversi annimali. Iżid li spjegawlu wkoll li kienu qatgħu qalbhom li jaslu fi ftehim bonarju dwar prezz għall-bejgħ tal-proprjetajiet.

Jiddikjara li hawnhekk kellem lil Perit Emanuel Vella u talbu jiffissa laqgħa bl-intiża li jiġu stabbiliti prezzijiet sabiex il-proprjetà in komun titpoġġa għall-bejgħ. Iżid li l-perit kien iffissa appuntament u talbu jinforma lill-partijiet.

Jiddikjara li għal-laqgħa għand il-perit attendew il-partijiet kollha inkluż il-konvenut George Cardona u ħutu. Iżid li kien ċar li diversi minnhom dehru biss sabiex jisfrattaw il-laqgħa u ma jsir xejn tant li l-perit dlonk kellu jħassar il-laqgħa.

Jiddikjara li wara li sfaxxat fix-xejn il-laqgħa bagħat ittra lil George Cardona sabiex jagħti aċċess lil Perit Vella sabiex dan jistima id-djar fi Triq il-Kbira u jagħmel rapport dwar il-kondizzjoni tal-istess. Iżid li għal dan il-konvenut George Cradona u martu rrispondew jgħidu li ma kinux lesti joqogħdu għal dak miftiehem fil-kuntratt tat-18 ta' Diċembru, 2010. Iżid li il-kontenut tal-istess ittra tal-konvenuti konjuġi Cardona ġie ripetut f'ittra oħra tagħhom.

Jiddikjara li wara dan huwa kiteb direttament lil Perit Vella fejn tah struzzjonijiet jiffissa data għall-aċċess sabiex issir valutazzjoni u rapport dwar il-kondizzjoni tad-djar fi Triq il-Kbira. Iżid li l-perit iffissa aċċess u informa bih lill-kovnenuti konjuġi Cardona iżda dawn dakinhar ma ressqux 'l hemm sabiex jiftħulu.

Jesibixxi kopji tal-ittri li jirreferi għalihom għajr dawk diġà esibiti mill-atturi. Jiddikjara li l-ittri kollha ntbagħtu bil-posta reġistrata u ġew riċevuti.

Iżid li wara dan kollu l-atturi ma kien baqgħalhom ebda alternattiva għajr li jibdew dawn il-proċeduri.

**B'affidavit ulterjuri**, xehed[58] li fl-imgħoddi kien jippatroċina kemm lill-partijiet atturi kif ukoll dawk konvenuti u rrappreżenta lill-istess f'ħames (5) kawżi referibbilment għall-porzjon art «Ta' Triq Skerla». Jispjega li dawn il-kawżi kienu ma' Gioacchino Galea u Emanuel Bonniċi li huma l-awturi fit-titolu tal-kjamati fil-kawża. Jagħti rendikont tal-ħames (5) kawżi li kien hemm bejn il-partijiet fl-imgħoddi.

Jagħti spjegazzjoni tal-provenjenza tat-titolu fuq l-art «Ta' Malampu». Jgħid li din il-porzjon art hija ta' elf mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (1,124 m.k.) u hija in komproprjetà f'sehem ta' nofs (½) indiviż favur il-partijiet atturi u konvenuti konġuntivament u nofs (½) indiviż favur il-kjamati fil-kawża.

Jagħti spjegazzjoni tal-provenjenza tat-titolu fuq l-art «Ta' Skerla».

[58] Affidavit a fol. 852 sa 860 b'dokumenti a fol. 861 sa 947.

Jididkjara li l-kjamati fil-kawża ma bnewx darhom fuq l-art li akkwistaw u li kienet mertu tal-erbgħa (4) mill-ħames (5) kawżi preċedenti—il-kawżi kollha għajr dik numru 110/1985—iżda estendew il-bini tagħhom fuq l-art oġġett ta' din il-kawża b'dan li ħadu kejl akbar milli akkwistaw—jgħid li minn mija u sebgħa u tmenin punt erbgħa metri kwadri (187.4 m.k.) ħadu sitt mija u wieħed u sebgħin metru kwadru (671 m.k.).

Jirreferi għall-proprjetajiet addizzjonali—5, Triq Ta' Ċenċ—li jindika bħala indipendenti mill-kawża odjerna.

**In kontroeżami**, xehed[59] li fil-passat huwa beda jippatroċina lill-atturi u l-konvenuti konġuntivament meta l-kawża 168/85—spoll—u dawk 124/92 u 204/94 kienu deċiżi. Iżid li l-kawża ta' ritrattazzjoni kien għamilha hu.

Jaqbel li l-kawża 204/94 kienet inbdiet mill-atturi u l-konvenuti konġuntivament u kienet *rei vindicatoria*, ossia; sabiex jattakkaw it-titolu legali tal-awturi tal-kjamati fil-kawża, titolu li kienu akkwistaw bil-kuntratt tat-18 ta' Ottubru, 1982 in atti Nutar Michael Refalo. Iżid li l-illum atturi u konvenuti f'dik il-kawża ma rnexxilhomx jippruvaw it-titolu tagħhom bid-deċiżjoni saret definittiva stante nuqqas ta' appell.

Jispjega kif seħħew il-ħames (5) kawżi passati. Jikkonferma li l-kawżi lkoll intilfu mill-atturi u l-konvenuti f'din l-istanza kif dakinhar parti waħda.

Jispjega li mit-204/94 saret ir-ritrattazzjoni numru 223/98 li ppatrocina huwa. Jaqbel li l-argument fir-ritrattazzjoni kien li fil-kawża 204/94 l-awturi fit-titolu tal-kjamati fil-kawża indikaw provenjenza ta' art mentri s-suġġett kienet art

[59] Traskrizzjoni a fol. 949 sa 972.

oħra. Jispjega li l-kwistjoni tibqa' li meta l-Prokuratur Legali Marcell Mizzi deher għall-wirt ġjacenti u biegħ porzjonijiet ta' art lill-awturi tal-kjamati fil-kawża huwa ma kienx jaf fejn hi l-art. Iżid li la kien hemm pjanti u anqas tqabbdu periti u l-art inbiegħet biss fuq deskrizzjoni.

Iżid li l-kawżi preċedenti għajr għal waħda saru biss fuq siegħ raba' b'konfini speċifiċi. Iżid li l-atturi prezenti diġà talbu lill-Qorti telimina dak is-siegħ iżda l-kumplament għandu jibqa' għad-diviżjoni. Jirreferi għad-deċizjoni ta' *res judicata* u jgħid li huwa jrid joqgħod ma' dik is-sentenza.

Isostni li l-art li huma inkludew f'din l-istanza għad-diviżjoni qatt ma kienet inkluża mar-raba' li finalment akkwistaw il-kjamati fil-kawża.

Jiddikjara li l-klijenti tiegħu dejjem irreferewh għall-art «Ta' Skerla». Jgħid li fejn din tinsab preċiż huwa ma jistax jgħid peress li huma kellhom diversi prozjonijiet art fl-istess territorju. Iżid iżda li dak li hu ċert minnu huwa li l-kjamati fil-kawża mill-mija u sebgħa u tmenin metru kwadru (187 m.k.) li akkwistaw ħadu mas-seba' mitt metru kwadru (700 m.k.).

Jaqbel li kontra l-kjamati fil-kawża saru proċeduri ta' inibizzjoni malli bdew jibnu iżda jgħid li dawn intilfu fuq dikjarazzjoni tal-kjamati li huma qed jokkupaw is-siegħ li akkwistaw. Jaqbel li l-mandat ta' inibizzjoni fl-affidavit ma semmiehx. Iżid li ma kienx hemm bżonn isemmih.

Mistoqsi jekk wara li ntilef il-mandat ta' inibizzjoni u l-kjamati fil-kawża bnew u daħlu jgħixu f'darhom qattx ittieħdu passi ulterjuri ladarba jgħid li l-kjamati oltrapassaw dak li kienu akkwistaw, jgħid li ma ttiħdux passi ulterjuri.

Jaqbel li l-art magħrufa «Ta' Malampu» qiegħda ġewwa t-territorju magħruf «Ta' Skerla».

Jispjega li mill-art in mertu għandu jinqata' s-siegħ—tar-*res judicata*—bil-kumplament jinqasam bejn il-partijiet. Iżid li s-siegħ tagħhom—il-kjamati—jieħduh u jżommuh. Iżid li l-perit tekniku f'din l-istanza ta l-qisien taż-żoni iżda ma identifikax is-siegħ tal-kjamati mill-kumplament.

Muri l-pjanta redatta mill-perit tekniku a fol. 827 tal-proċess jaqbel li għandha titqies il-medda kollha li hemm tidher bħala żoni A, B, u C, jitneħħa s-siegħ tal-kjamati u li jifdal jinqasam.

Jgħid li skontu s-siegħ li nxtara minn Galea u Bonnici u eventwalment inbiegħ lill-kjamati qatt ma kien jifforma parti mir-raba' «Ta' Malampu». Jgħid iżda li dan ma kienx l-argument li sar fil-kawżi preċedenti li lkoll intilfu mill-atturi u konvenuti kurrenti li dak iż-żmien kienu parti waħda. Iżid li huwa daħal wara u dak li qiegħed jgħid issa jirriżulta minn riċerka estensiva li huwa għamel.

Jgħid li fir-redazzjoni tiegħu tal-pjanta a fol. 827, il-perit tekniku qabad il-pjanti ta' x'akkwistaw il-kjamati u l-pjanti li pproduċew l-atturi u identifika ż-żewġ (2) artijiet. Iżid li dan ma jfisser xejn għalih. Jinsisti li l-kjamati għandhom jieħdu biss siegħ u l-kumplament, li huwa tomna, għandu jinqasam nofs bin-nofs. Iżid li huwa ovvju li t-tomna hija ż-żona mmarkata «A» fuq il-pjanta tal-perit tekniku b'magħha parti miż-żona mmarkata «B».

**George Vella Muskat** xehed permezz ta' affidavit.[60] Jiddikjara li huwa kien dak li ħa ħsieb ir-riċerki dwar il-provenjenza tat-titolu tal-beni li kienu qasmu bejniethom il-

[60] Affidavit a fol. 306 b'dokument a fol. 307.

partijiet bl-att ta' divizjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar Paul George Pisani.

Iżid li huwa ħa ħsieb joħroġ ukoll il-kwoti tal-partijiet fil-proprjetà li nżammet komuni bejniethom u kien prepara dokument li juri proprju dan. Jiddikjara li dan id-dokument kien ġie anness bħala dokument «U» mal-att ta' diviżjoni. Jesibixxi kopja ulterjuri tiegħu a fol. 307.

**Saviour Curmi**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[61] Jiddikjara li dakinhar tal-kuntratt tat-18 ta' Diċembru, 2010 ma kinux qasmu kollox iżda ħallew id-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat u r-raba' msemmi fir-rikors ġuramentat indiviż. Iżid li l-intendiment kien li dawn jinbiegħu tant li anke qablu fuq modalità għall-valutazzjoni tagħhom.

Jiddikjara li l-partijiet kollha jafu li ż-żewġ (2) porzjonijiet raba' «Ta' Dun Luqa» li ma jissemmewx fil-kuntratt tat-18 ta' Diċembru iżda jissemmew fir-rikors ġuramentat baqgħu u għadhom ma nqassmux u lkoll għandhom sehem minnhom. Iżid li dawn il-biċċtejn raba' jinsabu fil-pussess tal-konvenut Joseph Curmi.

Jiddikjara li apparti l-porzjonijiet ta' raba' li nbiegħu fl-2011, xejn mill-kumplament tal-proprjetà li baqgħet in komuni skont il-kuntratt tat-18 ta' Diċembru ma nbiegħ għax ħadd ma tħarrek għal dan il-għan.

Iżid li l-konvenut George Cardona kkapparra d-djar fi Triq il-Kbira, Ta' Sannat b'fihom iżomm l-annimali. Jgħid li konvenuti oħrajn ikkapparraw raba' ieħor.

Jiddikjara li huwa u ħuh Ludovik kemm-il darba bagħtu għal min mill-konvenuti kien juri interess lejn bejgħ iżda dawn kienu jitnaffru minn konvenuti oħrajn.

Jgħid li meta għaddha ż-żmien u ma ċċaqlaq xejn irrikorrew għand l-avukat. Jikkonferma dak dikjarat qabel dwar laqgħa li nżammet għand il-Perit Vella fejn ma seħħ xejn għax inqala′ diżgwid u l-ittri li segwew sabiex il-perit jingħata aċċess sabiex jistima l-proprjetà u jirrapporta dwar li stat ta′ manutenzjoni tagħhom; li wkoll ma sfaw għal xejn.

Jiddikjara li tul iż-żmien fejn kienu jintbagħtu l-ittri l-konvenut George Cardona baqa′ jinsisti li l-postijiet m′għandhomx jinbiegħu iżda għandhom jiġu diviżi b′dan li hu jieħu sehmu mill-post. Iżid li dan ma setax isir kemm għax mhux skont il-kuntratt ta′ diviżjoni u kemm għaliex il-postijiet ma jistgħux jinqasmu b′mod li l-partijiet kollha jieħdu sehem minnhom.

Iżid li meta raw li ma kienx hemm tama kellhom ta′ bilfors imexxu b′kawża sabiex il-proprjetà li fadal tinbiegh u kulħadd jieħu sehmu.

**L-Ispiżjar Alan Buttiġieg** xehed permezz ta′ affidavit.[62] Jiddikjara li huwa flimkien ma′ martu Maria Buttiġieg akkwista mingħand Jack u Victoria Galea porzjon diviż ta′ art f′passaġġ li jinfed għal Triq Skerla, Ta′ Sannat. Iżid li akkwista wkoll kwart (¼) indiviż ta′ raba′ mhux fabbrikabbli msejjaħ «Ta′ Skerla» sive «Ta′ Malampu» wkoll f′Ta′ Sannat. Iżid li wara dan, mingħand Emanuel Bonnici u wliedu akkwista porzjon diviż ieħor ta′ art f′passaġġ jinfed għal Triq Skerla kif ukoll kwart (¼) indiviż ieħor tar-raba′ msejjaħ «Ta′ Skerla» sive «Ta′ Malampu».

---

[61] Affidavit a fol. 313 sa 315.
[62] Affidavit a fol. 642 sa 648.

Jiddikjara li dan ilkoll akkwistah permezz ta' żewġ (2) kuntratti tal-4 ta' Frar, 1998 in atti Nutar Michael Refalo.

Jispjega li għalhekk hu u martu akkwistaw biċċtejn raba' «Ta' Skerla» it-tnejn tal-kejl ta' mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187 m.k.) jew kejl verjuri kif ukoll nofs (½) indiviż tar-raba' aġjacenti «ta' Skerla» sive «Ta' Malampu» tal-kejl ta' ċirka elf mija u erba' u għoxrin metri kwadri (1,124 m.k.) jew kejl verjuri.

Jiddikjara li fuq dawn l-artijiet kien hemm diversi kawżi kif ċitati fir-risposta ġuramentata tiegħu b'dan li l-istess fatti eżaminati minn dawk il-Qrati ma jistgħux jiġu rieżaminati minn din il-Qorti.

Jirreferi għall-paragrafu (q) fil-ħames (5) paġna tal-att ta' divizjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar Paul George Pisani magħmul bejn l-atturi u l-konvenuti f'din l-istanza, li jirreferi għall-*porzjon art magħrufa bħala "Ta' Triq Skerla"*, [Ta'] *Sannat, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka elf erba' mija u sebgħin metri kwadri (1470m.k.)*.

Iżid li din id-deskrizzjoni tikkunsidra l-artijiet li huwa jaf bħala «Ta' Skerla» u «Ta' Malampu» bħala art waħda. Iżid li skont il-kuntratt ta' diviżjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 din l-art tappartjeni lill-atturi u lill-konvenuti f'din l-istanza b'mod indiviż bejniethom. Jgħid li fil-verità huwa u martu huma s-sidien waħedhom tal-art magħrufa bħala «Ta' Skerla» u huma wkoll sidien ta' porzjon ta' nofs (½) indiviż tar-raba' «Ta' Malampu».

Jirreferi għax-xhieda mogħtija mill-attur Ludovik Curmi fejn dan qal li m'għandux pretensjoni għall-porzjon art li fuqa bnew huwa u martu. Iżid iżda li anqas għandu jkollu pretensjoni għall-porzjon li għadu indiviż bejniethom.

Jirreferi wkoll għan-nota tal-atturi[63] fejn talbu l-esklużjoni tal-art li fuqha bnew terzi persuni *u fuq parti minnha hemm ukoll ġudikat*.

Jinsisti li huwa u martu huma proprjetarji assoluti tal-art magħrufa «Ta' Skerla» u huma sidien ta' porzjon ta' nofs (½) indiviż mill-art «Ta' Malampu».

Jipproponi li l-art «Ta' Malampu» jiġi diviż mill-Punent għal-Lvant.

**B'affidavit ulterjuri** jiddikjara[64] li trid issir distinzjoni bejn l-art «Ta' Skerla» u dik «Ta' Malampu». Jirreferi għall-pjanti annessi mal-kuntratti tal-akkwist tiegħu kif ukoll għall-pjanta annessa ma' kawża ta' spoll deċiża fl-appell nhar is-6 ta' Ġunju, 1994 li jesibixxi a fol. 669. Jgħid li dawn il-pjanti jikkumbaċjaw u juru li huwa u martu akkwistaw l-intier tal-art «Ta' Skerla».

Iżid li fil-kawża odjerna mal-art «Ta' Skerla» ġiet inkorporata l-art «Ta' Malampu».

Jerġa' jagħmel referenza għall-paragrafu (q) fil-ħames (5) paġna tal-kuntratt ta' diviżjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 fejn l-art li huwa jiddistingwi bħala «Ta' Skerla» u «Ta' Malampu» hija konġuntivament imsejħa «Ta' Triq Skerla» iżda l-aħħar linja tal-paragrafu taqra li *din il-proprjetà tkun soġġetta għad-determinazzjoni dwar il-linja diviżorja bejn din l-art u l-proprjetà adjaċenti ta' terzi*.

Jannetti pjanta—a fol 670—li jgħid li hija dik annessa mal-kuntratti ta' kompravendità tiegħu. Jgħid li din trid tiġi

[63] Nota a fol. 419.
[64] Affidavit a fol. 662 sa 668 b'dokumenti annessi a fol. 669 sa 671.

kkunsidrata ma' dik a fol. 669. Iżid li dan l-erċizzju juri li qed nitkellmu fuq l-istess art.

Jiddikjara li mid-deċiżjonijiet mogħtija fil-passat dwar ir-raba' li huwa jaf bħala «Ta' Skerla», huwa ċar li il-partijiet l-oħrajn kontendenti f'din l-istanza ma kien fadlilhom xejn mir-raba' «Ta' Skerla».

Iżid li għalhekk, l-art li huwa jidentifika bħala «Ta' Skerla» għandha ċertament tiġi eskluża min din l-istanza stante li din ma tappartjenix lill-partijiet l-oħra f'din l-istanza iżda waslet għandu minn awturi indipendenti.

Jiddikjara għalhekk li l-unika pretensjoni li fadlilhom il-partijiet l-oħra f'din l-istanza fuq l-intier tal-art li huma jsemmu bħala «Ta' Triq Skerla» hija fuq nofs indiviż mill-porzjon ta' dik l-art li huwa jagħraf bħala «Ta' Malampu».

**In kontroeżami** jgħid[65] li l-kawżi kollha li nfetħu qabel u ntilfu mill-partijiet l-oħra f'din l-istanza jirreferu għall-art li huwa jaf bħala «Ta' Skerla». Jaqbel li jipprovdi informazzjoni dwar kemm metri kwadri huwa l-iżvilupp tiegħu fuq din l-art.

B'nota tal-20 ta' Diċembru, 2018 ippreżenta pjanta tad-dar tiegħu fuq il-porzjon art «Ta' Skerla».[66]

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami**, jgħid[67] li meta huwa xtara huwa xtara l-għalqa kollha skont il-kuntratti tal-akkwist tiegħu.

Mistoqsi fuq il-ġnien li fih ħawwel siġar u fuqu għandu wkoll aperturi u galleriji, jgħid li huwa bena fuq erba' mija

[65] Traskrizzjoni a fol. 672 sa 679.
[66] Nota a fol. 681 bil-pjanta a fol. 682.
[67] Traskrizzjoni a fol. 695 sa 703.

u ħamsa u disgħin metri kwadri (495 m.k.)—kif jirriżulta mill-pjanta a fol. 682—iżda xtara aktar.

Moqri lilu l-kuntratt tal-aventi kawża tiegħu Emanuel u Clementia Bonnici, jaqbel li dawn kellhom porzjon raba' msejha «Ta' Skerla» tal-kejl ta' mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187 m.k.) u nofs indiviż mir-raba' «Ta' Skerla» tal-kejl ta' elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri (1,124 m.k.).

Moqri lilu estratt minn sentenza li prezenta huwa stess li tirreferi għal art f'Ta' Skerla tal-kejl ta' ċirka mija u sebħa u tmenin metri kwadri (187 m.k.) jinsisti li dak m'huwiex il-kejl integru li huwa xtara.

**B'affidavit ulterjuri** jiddikjara[68] li huwa ntebaħ li porzjon art oġġett għal din il-kawża, ossia dik imnissla fil-paragrafu «q» u murija fil-pjanta «T» tal-kuntratt ta' diviżjoni bejn l-atturi u l-konvenuti tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar George Paul Pisani tinkorpora fiha art li akkwistaw huwa u martu parti mil-liema għadha indiviża bejnhom u l-partijiet l-oħra. Iżid li kien għalhekk li huwa talab li jidhol fil-kawża.

Jiddikjara li l-art in mertu ġiet akkwistata minnu u minn martu b'żewġ (2) kuntratti tal-4 ta' Frar, 1998 in atti Nutar Michael Refalo. Jgħid li dak li akkwistaw huma jikkonsisti f'żewġ (2) porzjonijiet raba', waħda msejħa «Ta' Skerla» u oħra «Ta' Malampu». Jgħid li dawn jidhru fil-pjanta tal-perit tekniku a fol. 827 tal-process bħala «Ta' Skerla», li akkwistawha fl-intier tagħha, tidher bħala porzjon «B»

[68] Affidavit a fol. 1020 sa 1035 b'dokumenti a fol. 1036 sa 1062.

mentri «Ta' Malampu» li akkwistaw nofs (½) indiviż minnha tidher bħala porzjon «A».

Jiddikjara li l-awturi tiegħu u ta' martu kienu akkwistaw l-art li begħulhom bil-kuntratt tat-18 ta' Ottubru, 1982 in atti Nutar Michael Refalo. Iżid li hawnhekk il-kejl kien ingħata approssimitivament u arbitrarjament. Iżid iżda li għalkemm il-kejl mhux preċiż, m'hemm ebda dubju dwar l-irjiħat, konfini u pożizzjoni taż-żewġ (2) porzjonijiet art li akkwistaw hu u martu.

Jiddikjara li l-art «Ta' Skerla» kienet il-mertu ta' diversi kawżi u mandati. Jiċċita mill-istess. Jgħid li wara dawn il-proċeduri ħadd ma jista' juża l-kawża odjerna sabiex iġib fix-xejn dak li għadda fil-ġudikat.

Jagħti rendikont tal-provenjenza tat-titolu fl-artijiet «Ta' Skerla» u «Ta' Malampu» skontu.

**In kontroeżami** jgħid[69] li bil-kuntratti tal-4 ta' Frar, 1998 huwa akkwista ż-żewġ nofsijiet mill-art «Ta' Skerla» kif jidhru fil-pjanti annessi. Jgħid li l-awturi tiegħu akkwistaw b'kuntratt tat-18 ta' Ottubru, 1982. Iżid li f'dak il-kuntratt il-pjanti huma korretti iżda l-kejl m'huwiex.

Jgħid li qabel m'akkwista huwa ordna r-riċerki. Jgħid li ma ħassx il-ħtieġa jitlob korrezzjonijiet peress li l-pjanti rriżultaw korretti.

Rigward id-dikjarazzjoni tiegħu li l-kejl huwa żbaljat, jgħid li dan sar jafu meta ra xhieda mogħtija fi proċeduri preċedenti mill-awtur tiegħu Jack Galea fejn dan qal li meta akkwistaw huwa u Bonnici—awtur ieħor tal-kjamati—ġibed l-attenzjoni tal-Prokuratur Legali Marcell Mizzi—li

[69] Traskrizzjoni a fol. 1,071 sa 1094.

deher għall-wirt ġjaċenti li minnu akkwistaw l-awturi tal-kjamati—li l-kejl kien żbaljat b'dan qallu li mhux problema dment li fil-kuntratt iżidu l-kliem «bli fiha» u ladarba l-pjanti, l-irjiħat u konfini huma korretti.

Jgħid li qabel xtara «Ta' Skerla» huwa mar jara fuq il-post. Jgħid li l-għalqa kienet maqsuma fi tnejn. Jgħid li għalhekk xtara nofs mingħand venditur—Galea—u nofs mingħand ieħor—Bonnici.

Mistoqsi għalfejn ma tressaqx l-awtur tiegħu Jack Galea sabiex jixhed jgħid li safejn jaf hu, l-istess Jack Galea m'huwiex kapaċi jixhed stante li jbati bid-*dementia*.

Jinsisti li tenut kont tal-irjiħat u l-konfini, għalih il-kejl preċiż kien irrilevanti. Iżid li huwa akkwista l-korp tar-raba' «Ta' Skerla» u bena f'dik il-parti.

Iżid li anqas ħass il-bżonn jitlob korrezzjoni tal-att tal-awturi tiegħu fit-titolu magħmul f'Ottubru, 1982.

Mistoqsi għalfejn akkwista b'żewġ (2) kuntratti u mhux wieħed jgħid li għax dakinhar tal-kuntratti t-tifel tal-awtur tiegħu Bonnici nqabad Malta b'xogħol u Bonnici ma kienx komdu jagħmel il-kuntratt bil-Malti mingħajru.

Mistoqsi jaqbilx li minn begħlu kellu siegħ, huwa akkwista sigħajn, u bena fuq tliet (3) sigħan jinsisti li huwa bena fuq fejn xtara.

Jaqbel li mill-art «Ta' Malampu» huwa u martu akkwistaw biss nofs (½) indiviż. Jispjega li dwar din l-art huwa xtara kwart (¼) indiviż mingħand iż-żewġ (2) awturi tiegħu—Bonnici u Galea.

Jispjega li kull kuntratt ma' kull wieħed miż-żewġ vendituri tiegħu jkopri nofs minn ta' «Ta' Skerla» u kwart

minn «Ta' Malampu». Iżid li l-partijiet l-oħra għandhom nofs (½) indiviż minn «Ta' Malampu» miegħu.

**In kontinwazzjoni tal-kontroeżami**, jgħid[70] li huwa sar jaf bil-kawża kurrenti mingħand wieħed mill-partijiet, ċertu Curmi joqgħod Ta' Sannat.

Jinsisti li l-kejl fil-kuntratt tal-awturi tiegħu tal-1982 ma kienx korrett b'dan li fl-1998 huwa xtara mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187 m.k.) mingħand kull venditur mill-art «Ta' Skerla» u kwart (¼) indiviż mingħand kull venditur mill-art «Ta' Malampu».

Jixhed li l-kontrada hija lkoll magħrufa bħala «Ta' Skerla» bl-għelieqi huma magħrufa bħala l-waħda «Ta' Skerla» u l-oħra «Ta' Malampu». Jaqra minn dokument li jiddeskrivi l-għalqa «Ta' Malampu» bħala li testendi sa passaġġ li jibqa' ħiereġ għat-triq. Jirreferi għall-pjanti tal-perit tekniku u jgħid li ż-żewġ (2) għelieqi—«Ta' Skerla» u «Ta' Malampu» huma attigwi b'passaġġ bejniethom li jifridhom. Jinsisti li numri ta' kejl jinbidlu iżda konfini u rjiħat ma jinbidlux.

Jirreferi għal-kuntratti ta' akkwist tiegħu tal-4 ta' Frar, 1998. Jgħid illi li tmur kontra dawn ikun li tmur kontra s-sewwa magħruf.

**Din il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-perit tekniku Perit Joseph Grech**[71] fejn il-perit iddikjara li sabiex jesplicita l-inkarigu tiegħu huwa żamm żewġ (2) aċċessi fejn kienu preżenti wħud mill-partijiet assistiti mill-avukati difensuri tagħhom.

---

[70] Traskrizzjoni a fol. 1107 sa 1125.
[71] Rapport a fol. 362 sa 371 b'dokumenti a fol. 372 sa 411.

Rigward il-proprjetajiet numru (i) u (ii) fir-rikors ġuramentat, ossia, id-dar 30/31 u d-dar 32, Triq il-Kbira, Ta' Sannat, jirrelata li d-djar huma lkoll fi stat mitluq b'numru ta' ħsarat mifruxa mal-proprjetà b'dan li ħejja pjanta tal-kmamar kollha u elenka numru ta' ritratti li juru l-istat ta' kull parti tal-proprjetà.

Jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-ħsarat li rriskontra u l-kawża li waslet għalihom.

Bħala kawżali għall-ħsarat jindika li diversi kmamar soffrew ħsarat b'riżultat ta' infiltrazzjoni ta' ilma tax-xita mis-saqaf u fili tal-ħitan miftuħin b'konsegwenza ta' nuqqas ta' manutenzjoni—jinkludi ritratti b'evidenza ta' dan.

Jirrapporta wkoll li kmamar minnhom ġarrbu ħsarat b'riżultat ta' *deterjorazzjoni tal-ġebla franka li ġiet f'kuntatt dirett mal-ħmieg tal-annimali*. Hawnhekk iżid li din il-ħsara tista' tiġi rimedjata *b'intervent dirett fuq il-ġebla u m'għandha l-ebda effett fuq il-kundizzjoni strutturali tal-binja.*[72] F'dan is-sens jirreferi għal dawk il-kmamar minnu indikati bin-numri sitta (6), tmienja (8), tnax (12), u ħmistax (15) fil-pjanta a fol. 374 kif ukoll dik minnu mmarkata bin-numru għaxra (10) fil-pjanta a fol. 375.

Jirrapporta wkoll li l-loġġja minnu mmarkata bin-numru disgħa (9) turi *ħsara superfiċjali fil-parti t'isfel tal-ħitan, probabbilment fejn kienu jħokku l-annimali mal-ħajt. Mill-bqija bħala struttura hija sana.*[73] Iżid li l-istess jista jingħad għall-loġġa minnu mmarkata bin-numru tlettax (13).

[72] Ċitazzjonijiet mill-pagna 4 tar-rapport a fol. 365 tal-proċess.
[73] Ċitazzjoni mill-paġna 5 tar-rapport a fol. 366 tal-proċess.

Jindika li speċjalment fil-kmamar fis-sular ta' isfel fejn kienu jinżammu l-annimali, il-ħsarat ripurtati fil-ħitan m'humiex biss konsegwenza ta' *rising damp* mistennija f'dar antika iżda wkoll b'riżultat tal-kuntatt dirett mal-ħmieġ tal-annimali speċjalment jekk dan idum ma jitnaddaf. Jindika li l-ħsara minima ripurtat fl-intrata tad-dar hija prova ta' dan stante li jidher li fiha ma kinux jinżammu annimali jew almenu l-ħmieġ tagħhom kien jitnaddaf b'dan li d-deterjorazzjoni nnutata hija biss minn *rising damp* u hija inqas minn bnadi oħra.

Jikkonkludi li:

i. Il-parti l-kbira tal-ħsara fis-sular ta' fuq tal-bini hija strutturali u tirrigwarda l-isqfa li kienu għal żmien twil esposti għall-elementi b'riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni tal-bjut;

ii. It-tiġrif ta' ħitan u soqfa seħħ minħabba nuqqas ta' manutenzjoni;

iii. Il-ħsarat fil-pjan terran huma kkawżati minn umdità—*rising damp—aċċelerata minħabba l-preżenza ta' ambjent aċiduż riżultanti minn kumulu ta' ħmieġ tal-annimali;*[74]

iv. Sabiex il-ħsarat ripurtat jissewwew, huwa tal-opinjoni li għandhom jinbidlu l-isqfa kollha tat-tieni sular—*first floor*—u jingħata kontrabejt ġdid u jinbnew mill-gdid il-ħitan li ġġarrfu b'wara jinbidel il-madum u jitkaħħlu l-fili;

[74] Ċitazzjoni minn paġna 7 tar-rapport a fol. 368 tal-proċess.

v. Jelenka l-ispejjeż għal dan ix-xoghol u jistma l-istess fil-valur ta' tlieta u tletin elf u ħamsa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€33,075.40ċ);

vi. Jistma il-proprjetà kompriża—ossia id-dar 30/31 flimkien ma' dik 32—u fl-istat li hija fih illum fil-valur ta' erba' mija u tmenin elf ewro (€480,000) b'dan li jirrimarka li jekk il-proprjetà titranġa kif fuq spjegat qabel titpoġġa fuq is-suq dan il-valur jogħla almenu b'dak imsemmi għax-xogħlijiet rimedjali, ossia b'tlieta u tletin elf u ħamsa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€33,075.40ċ).

Rigward il-proprjetà numru (iii) fir-rikors ġuramentat, ossia, il-porzjon art «Ta' Minku», Triq Gerxija, Ta' Sannat, jirrelata li din hija fabbrikabbli u għalhekk jistmaha fil-valur ta' mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000).

Rigward il-proprjetà numru (iv) fir-rikors ġuramentat, ossia il-porzjon art «Ta' Dun Luqa VI», Ta' Sannat, jirrelata li din hija art xagħri u għalhekk jistmaha fil-valur ta' ħamest elef ewro (€5,000).

Rigward il-proprjetà numru (v) fir-rikors ġuramentat, ossia il-porzjon art «Ta' Skerla», Triq Palazzo Palina, Ta' Sannat, jirrelata li din hija fabbrikabbli u għalhekk jistmaha fil-valur ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000).

Rigward il-proprjetà numru (vi) fir-rikors ġuramentat, ossia l-porzjon art «Ta' Triq Skerla», Ta' Sannat, jindika qabel xejn li fuqha hemm bini ta' terzi b'dan li art esposta baqa' biss seba' mija u sebgħin metri kwadri (770 m.k.) liema art hija fil-maġġor parti tagħha agrikola b'parti żgħira biss hija fabbrikabbli b'dan li żvilupp fuqha huwa prattikament impossibbli. Jistma għalhekk din il-porzjon

art fil-valur ta' tmien mija u ħamsin elf ewro (€850,000) fil-parti li diġà ġiet żviluppata meqjusa mingħajr il-bini fuqha u ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) fir-rimanenti.

Rigward iż-żewġ (2) proprjetajiet l-oħra msemmija fir-rikors ġuramentat, ossia l-porzjonijiet art «Ta' Dun Luqa», jirrelata li:

i. Il-porzjon tal-kejl ta' ċirka mitejn u erbgħa u għoxrin metru kwadru (224 m.k.) hija agrikola. Jistma għalhekk dan il-porzjon fil-valur ta' elfejn ħames mitt ewro (€2,500), u;

ii. Il-porzjon tal-kejl ta' ċirka sitt mitt metru kwadru (600 m.k.) ġiet maqsuma f'porzjonijiet iżgħar li kważi lkoll jinħadmu b'dan li hemm ukoll possibbiltà ta' servitujiet. Jistma għalhekk dan il-porzjon fil-valur ta' ħamest elef ħames mitt ewro (€5,500).

**In eskussjoni**, xehed[75] li l-akbar ħsarat fil-fond 30/31 u l-fond 32 Triq il-Kbira, Ta' Sannat, jinsabu fis-sular ta' fuq u fl-opinjoni tiegħu huma relatati ma' nuqqas ta' manutenzjoni u konsegwenzjali dħul ta' ilma tax-xita b'riżultanti d-deterjorazzjoni strutturali. Jispjega li l-iskular tal-ilma ddeterjora t-travi li wassal għat-tiġrif tas-saqaf ta' fuq nett li waqa' fuq dak ta' taħtu u sfronda lilu wkoll.

Jispjega li rigward iż-zżmm tal-annimali f'dawn il-fondijiet, jista' jagħti l-każ li seħħet ħsara fil-ġebel tas-sular ta' isfel iżda din mhijiex ħsara strutturali.

[75] Traskrizzjoni a fol. 540 sa 544.

Iżid li l-ħsarat kemm strutturali kif ukoll ikkawżati mill-annimali kkaġunaw effett fuq il-valur ta' dawn il-fondi iżda fl-opinjoni tiegħu l-ikbar effett seħħ mill-ħsarat strutturali.

**F'rapport ulterjuri tat-8 ta' Frar, 2020, wara li ġie estiz l-inkarigu tiegħu,**[76] u wara li din il-Qorti ħatret ukoll lis-*surveyor* Mark Wright sabiex jassistih,[77] il-perit tekniku rrelata li wara li żamm aċċess fuq is-sit li fl-ewwel rapport tiegħu ġie mnizzel bħala 'porzjon 6', art «Ta' Triq Skerla», jirriżulta li l-*area A*, li hija dik in diviżjoni tkejjel seba' mija u tmienja u disgħin metru kwadru (798 m.k.) mentri l-*area B* li hija dik okkupata tkejjel sitt mija u tliet metru kwadru (603 m.k.).

Iżid ukoll *area C* fil-qies ta' tmienja u sittin metru kwadru (68 m.k.) li jiddeskrivi bħala *area li testendi sa nofs it-triq biex tipprovdi l-aċċess għall-villa mibnija*.

Jannetti wkoll *survey plan* li turi l-*area A* mmarkati bil-blu, l-*area B* immarkata bl-aħmar, u l-*area C* imħollija bajda.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

Illi qabel xejn, din il-Qorti tfakkar li din hija kawża li saret mill-atturi kontra l-konvenuti, ilkoll dixxendenti mill-istess antenati, għall-ħatra ta' amministratur ġudizzjarju ai termini tal-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Ċivili, il-valutazzjoni ta' diversi proprjetajiet allegatament miżmuma in komproprjetà bejn l-atturi u l-konvenuti, b'żieda ta' talba għall-valutazzjoni ta' ħsarat allegatament kaġunati minn uħud mill-konvenuti f'xi wħud mil-proprjetajiet u a preġudizzju tal-atturi u l-konvenuti l-oħrajn u għal konsegwenzjali ordni sabiex dawk responsabbli għall-

[76] Rapport a fol. 824 sa 828.
[77] Digriet a fol. 820.

ħsarat jagħmlu tajjeb għalihom, u, finalment; għal bejgħ in liċitazzjoni ta' dak kollu miżmum in komproprjetà stante li l-istess komproprjetà mhijiex, skont l-atturi, komodament diviżibbli.

Għal dawn it-talbiet tal-atturi, il-konvenuti laqgħu billi qabel xejn qajmu diversi eċċezzjonijiet preliminari u proċedurali u, sussegwentement, eċċepew li għandu jiġi aċċertat il-korp tal-beni in komproprjetà b'dan li l-istess imbagħad għandha tiġi aljenata bil-mod miftiehem bejn il-partijiet b'kuntratt ta' diviżjoni tat-18 ta' Diċembru, 2010 in atti Nutar Paul George Pisani.

Madanakollu, tul l-andament tal-proċeduri qamu diversi kwistjonijiet oħra relatati mal-possibbiltà ta' titolu ta' partijiet oltre l-atturi u l-konvenuti f'waħda mill-proprjetajiet li l-atturi u l-konvenuti fil-fatt jaqblu li hija in komproprjetà bejniethom.

Dan wassal għall-kjamat fil-kawża tal-konjuġi Alan u Maria Buttiġieg li b'risposta ġuramentata tagħhom[78] sostnew li huma proprjetarji assoluti ta' porzon art li tifforma parti minn waħda mill-proprjetajiet li l-atturi u l-konvenuti fil-fatt jgħidu li hija in komproprjetà bejniethom mentri huma wkoll komproprjetarji flimkien mal-istess atturi u konvenuti f'porzjon art ieħor mill-istess proprjetà—ossia fil-kumplament tal-istess proprjetà eskluż il-parti li tagħha l-kjamati jgħidu li huma proprjetarji assoluti.

Din il-Qorti hija rikjesta sabiex għal mument tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-partijiet atturi u konvenuti relattivament għal dak li jgħidu il-kjamati fil-kawża.

[78] Risposta ġuramentata a fol. 549 et seq.

Sabiex tiċċara l-kwistjoni, din il-Qorti tosserva li jsegwi:

i. L-atturi u l-konvenuti jaqblu fuq diversi proprjetajiet bħala li huma in komproprjetà bejniethom. Dawn huma l-proprjetajiet elenkati fil-paragrafi (i) sa (vi) tar-rikors ġuramentat a fol. 1 et seq tal-proċess. Fost dawn il-proprjetajiet hemm dik li l-atturi u l-konvenuti jirreferu għalija bħala «Ta' Triq Skerla» f'Ta' Sannat, Għawdex;[79]

ii. L-atturi u l-konvneuti ma jaqblux iżda li huma komproprjetarji tal-proprjetajiet «Ta' Dun Luqa» elenkati separatament fir-rikors ġuramentat b'dan li hemm eċċezzjoni tal-konvenuti li dwar dawn il-proprjetajiet spetta għall-atturi jġibu prova li dawn jitnisslu mill-istess eredità;[80]

iii. Il-kjamati fil-kawża jinsistu li huma proprjetarji assoluti ta' porzjon mill-art li l-atturi u l-konvenuti jafu bħala «Ta' Triq Skerla» filwaqt li jaqsmu l-komproprjetà tal-kumplament ta' din l-art mal-atturi u l-konvenuti.

L-art li l-atturi u l-konvenuti jirreferu għaliha bħala «Ta' Triq Skerla» tinsab deskritta tajjeb f'paragrafu «q» tal-att ta' diviżjoni li ffirmaw l-istess partijiet bejniethom nhar it-18 ta' Diċembru, 2010, in atti Nutar Paul George Pisani.[81] L-istess art tinsab ukoll murija u indikata tajjeb fil-pjanta mmarkata bl-ittra «T» annessa mal-istess att ta' diviżjoni.[82] F'din il-pjanta din l-art tidher meqjusa bħala żewġ (2) porzjonijiet ta' art, porzjon «A» u porzjon «B».

Il-kjamati fil-kawża jinsistu li huma akkwistaw minn din l-art permezz ta' żewġ (2) kuntratti tal-4 ta' Frar, 1998 in atti Nutar Michael Refalo.[83]

Iż-żewġ (2) kuntratti ta' akkwist tal-kjamati fil-kawża ġew preżentati diversi drabi quddiem din il-Qorti b'dan iżda li l-uniċi kopji tagħhom timbrati u ffirmati bil-pinna minn Nutar Michael Refalo jinsabu a fol. 521 sa 529 tal-proċess. Din hija wkoll l-unika kopja ta' dawn iż-żewġ (2) kuntratti li ġiet ippreżentata in atti bil-pjanti msemmija fihom kompriżi magħha.

Minn qari akkurat ta' dawn iż-żewġ (2) kuntratti, jirriżulta ċar li l-kjamati fil-kawża konjuġi Alan u Maria Buttiġieg akkwistaw l-intier tal-art li tul l-andament tal-proċeduri u f'kull depożizzjoni tal-kjamat Alan Buttiġieg huwa jsejjaħ bħala «Ta' Skerla» filwaqt li akkwistaw nofs (½) indiviż mill-art li huwa konsistentement jiddistingwi bħala «Ta' Malampu», bin-nofs (½) indiviż l-ieħor, inkluż fuq ammissjoni tal-kjamat fil-kawża stess, huwa miżmum mill-atturi u l-konvenuti indiviżament.

Iż-żewġ (2) pjanti annessi mal-kuntratti ta' akkwist tal-kjamati fil-kawża[84]—li juru l-firem tal-kompraturi, vendituri, u n-nutar—jixhdu dwar dan.

B'dan li, jekk anke wieħed jikkumpara l-pjanti annessi mal-kuntratti ta' akkwist tal-kjamati fil-kawża—a fol. 528 u 529—ma' dik annessa mal-kuntratt ta' diviżjoni ffirmat bejn l-atturi u l-konvenuti—a fol. 36—dawn jikkumbaċċjaw sabiex iwasslu għall-fehma ta' din il-Qorti li skont l-istess kuntratti ta' akkwist tal-kjamati fil-kawża l-istess kjamati fil-kawża tassew akkwistaw l-intier ta' dik il-porzjon li huma jiddistingwu bħala «Ta' Skerla»—dik li wkoll tidher

[79] Ref. para. (vi) tar-rikors ġuramentat a fol. 3.
[80] Vide eċċezzjoni numru 12 a fol. 102.
[81] Kuntratt a fol. 8 et seq tal-proċess.
[82] Pjanta a fol. 36.
[83] Kuntratt a fol. 521 sa 522 u ieħor a fol. 523 sa 529.
[84] Pjanti a fol. 528 u 529.

separat bħala prozjon «B» fil-pjanta tal-atturi u l-konvenuti a fol. 36—mentri akkwistaw ukoll nofs (½) indiviż tal-porzjon li huma jiddistingwu bħala «Ta' Malampu»—dik li tidher separata bħala porzjon «A» fl-istess pjanta tal-atturi u l-konvenuti a fol. 36.

Dan meta l-kjamati fil-kawża akkwistaw, mingħand kull wieħed miż-żewġ vendituri tagħhom:

a) *Porzjon diviża ta' art f'passaġġ li jinfed għal Triq Skerla,* [Ta'] *Sannat, Gozo* [Għawdex] *liema porzjon diviża hija tal kejl* [sic] *ta' ċirka mija u sebgħa u tmenin metri kwadri (187 m.k.) jew kejl verjuri u għalhekk bil-kejl kollu li fiha,* u;

b) *Il-kwart indiviż jew aħjar id-drittijiet kollha illi l-vendituri għandhom minn biċċa raba' mhix fabbrikabbli imsejħa* [sic] *Ta' Skerla sive Tal-Malampu limiti* [Ta'] *Sannat, Gozo* [Għawdex] *tal-kejl l-intier ta' ċirka elf mija u erbgħa u għoxrin metri kwadri (1124 m.k.) jew kejl verjuri u għalhekk bil-kejl kollu li fiha.*[85]

B'dan li l-intier tal-akkwist tagħhom, kif anke muri fil-pjanti annessi mal-kuntratti t'akkwist tagħhom, jammonta għall-intier tal-art minnhom identifikata bħala «Ta' Skerla» u nofs (½) indiviż ta' dik l-art minnhom identifikata bħala «Ta' Malampu» li lkoll jiffurmaw parti mill-art li l-atturi u l-konvenuti jidentifikaw bħala «Ta' Triq Skerla» b'dan li l-kjamati fil-kawża jirriżultaw, skont il-kuntratti ta' akkwist minnhom esibiti, proprjetarji assoluti tal-porzjoni identifikata bl-ittra «B» fil-pjanta fol. 36 esibita mill-atturi u komproprjetarji flimkien mal-partijiet l-oħra ta' nofs (½) indiviż kull wieħed—nofs (½) indiviż favur il-kjamati

[85] Ref. para. (a) u (b) f'kull wieħed miż-żewġ atti ta' akkwist tal-kjamati fil-kawża bil-pagni relattivi a fol. 521 u 523/524.

konġuntivament u nofs (½) indiviż favur l-atturi u l-konvenuti konġuntivament—mill-porzjon art hemm identifikata bl-ittra «A».

Din il-Qorti tapprezza x-xogħol siewi li għamlu l-partijiet kollha rigward l-origini tal-wirtijiet varji kif ukoll l-provenjenza tat-titolu b'dan iżda li f'din l-istanza din il-Qorti hija marbuta bit-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif dedotti u, stante l-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża li huma proprjetarji kif fuq intqal u fid-dawl illi l-kuntratti ta' akkwist tal-kjamata in kawża għadhom viġġenti, ma tistax għajr li tgħaddi sabiex teskludi l-porzjon art indikata bl-ittra «B» fil-pjanta a fol. 36 esibita mill-atturi kif ukoll fil-pjanta redatta mill-perit tekniku mahtur minnha, il-Perit Joseph Grech—a fol. 827 tal-proċess, minn din l-istanza filwaqt li tiddikjara li fil-konfront tal-porzjon art immarkata bl-ittra «A» kemm fil-pjanta a fol. 36 kif ukoll f'dik a fol. 827, il-partijiet ilkoll huma komproprjetarji in kwantu għal sehem ta' nofs (½) indiviż favur il-kjamati fil-kawża u nofs (½) indiviż favur l-atturi u l-konvenuti konġuntivament.

Li tagħmel mod ieħor huwa inkonċepibbli għax inkella l-Qorti tkun qiegħda tmur oltre dak mitlub minnha u l-eċċezzjonijiet imqajma konsistentement miegħu.

Din il-Qorti tqies ukoll is-sentenza in parte diġà mogħtija minnha kif diversament presjeduta fl-ismijiet premessi nhar it-2 ta' April, 2019[86] liema sentenza ddikjarat li parti mill-art in kontestazzjoni bejn il-partijiet attriċi, konvenuti, u kjamati fil-kawża hija suġġetta għar-*res judicata* u tagħraf li kif anke ossevrat mill-atturi u l-konvenuti bin-noti tagħhom a fol. 994 sa 997—nota attriċi—u fol. 1001 sa 1003

[86] Sentenza a fol. 755 et seq tal-proċess.

—nota tal-konvenuti—din l-art hija kompriża f'dik diġà eskluża hawn aktar 'il fuq.

Din il-Qorti tagħmilha wkoll ċara li dan suespost ma jinnegax kwalunkwe drittijiet addizzjonali li kwalunkwe parti jista jkollha kif ukoll ir-rimedji ġudizzjarji oppurtuni li jistgħu jittieħdu fir-rigward.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi li dik il-porzjon art li tidher fil-pjanti a fol. 36 u aħjar a fol. 827 tal-proċess bħala porzjon «B»—fil-pjanta a fol. 827 tidher ukoll tratteġġjata bil-kulur aħmar—għandha tiġi eskluża minn dawn il-proċeduri.

Rigward il-porzjoni art «A» tiddikjara illi l-partijiet inkluż il-kjamat fil-kawża huma kompropjetarji in kwantu nofs (½) indiviż proprjetà tal-kjamat fil-kawża u n-nofs (½) indiviż proprjetà tal-partijiet l-oħra kollha fil-kawża indiviżament.

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**